Nru./No. 21,350
Prezz/Price
€3.96

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
## The Malta Government Gazette

**It-Tlieta, 26 ta' Novembru, 2024**
**Tuesday, 26th November, 2024**

**Pubblikata b'Awtorità**
**Published by Authority**

## SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 28,841 - 28,889
*Government Notices* ..... *28,841 - 28,889*

Avviżi tal-Pulizija ..... 28,890 - 28,891
*Police Notices* ..... *28,890 - 28,891*

Avviżi lill-Baħħara ..... 28,891 - 28,894
*Notices to Mariners* ..... *28,891 - 28,894*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 28,895 - 28,896
*Employment Opportunities* ..... *28,895 - 28,896*

Avviżi tal-Gvern ..... 28,896 - 28,900
*Notices* ..... *28,896 - 28,900*

Offerti ..... 28,900 - 28,905
*Tenders* ..... *28,900 - 28,905*

Avviżi tal-Qorti ..... 28,905 - 28,924
*Court Notices* ..... *28,905 - 28,924*

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 1639**

**ATT DWAR IT-TIĠDID TAL-KIRI TA' RABA'**
**(KAP. 199 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)**

**Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba'**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 5 tal-Att dwar it-Tiġdid tal-Kiri ta' Raba' (Kap. 199 tal-Liġijiet ta' Malta), il-Prim Ministru nnomina fil-Lista ta' Persuni li jkunu kompetenti u jifhmu f'affarijiet tar-raba' lis-segwenti:

Azzopardi, is-Sur Noel, u
Spiteri, is-Sur Carmelo

għal perjodu ta' sentejn sat-18 ta' April, 2026.

Is-26 ta' Novembru, 2024
MJCL 128/2016/I

**Nru. 1640**

**ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI**
**TAL-ADOZZJONI (KAP. 495)**

**Bord ta' Appell**

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 16 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni (Kap. 495), u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal ħatar lill-Av. Roberta Spiteri, LLB, Dip. (Not. Pub.), LLD, minflok is-Sa Doriette Scicluna, BSc. (Hons.) Nutritional Therapy bħala membru fuq il-Bord tal-Appell. Din il-ħatra tibqa' valida sat-3 ta' Frar, 2026.

Is-26 ta' Novembru, 2024

**Nru. 1641**

**ATT DWAR IL-PROFESSJONI**
**TAL-PSIKOLOĠIJA**
**(KAP. 471)**

**Kumitat tal-Appelli**

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artiklu 8A tal-Att dwar il-Professjoni tal-Psikoloġija, (Kap. 471), il-Ministru għall-

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 1639**

**AGRICULTURAL LEASES RELETTING ACT**
**(CAP. 199 OF THE LAWS OF MALTA)**

**Rural Leases Control Board**

IN exercise of the powers conferred by Article 5 of the Agricultural Leases (Reletting) Act (Cap. 199 of the Laws of Malta), the Prime Minister has nominated on the List of Persons competent and knowledgeable in agricultural Matters the following:

Azzopardi, Mr Noel, and
Spiteri, Mr Carmelo

for a period of two years until the 18th April, 2026.

26th November, 2024

**No. 1640**

**ADOPTION ADMINISTRATION ACT**
**(CAP. 495)**

**Board of Appeal**

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by section 16 of the Adoption Administration Act (Cap. 495), and for the purpose of that Act, the Minister for Social Policy and Children's Rights has appointed Adv. Roberta Spiteri, LLB, Dip. (Not. Pub.), LLD, instead of Ms Doriette Scicluna, BSc. (Hons.) Nutritional Therapy, as member on the Board of Appeal. This appointment shall remain valid until 3rd February, 2026.

26th November, 2024

**No. 1641**

**PSYCHOLOGY**
**PROFESSION ACT**
**(CAP. 471)**

**Appeals Committee**

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by Article 8A of the Psychology Profession Act, (Cap. 471), the Minister for

Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal approva l-ħatra tal-Kumitat tal-Appelli, għal perjodu ta' tliet snin b'seħħ mit-18 ta' Novembru, 2024, kif ġej:

*Chairperson*
Dott. Noel Bezzina

*Membri*
Dott. Josette Barbara Cardona
Is-Sur Martin Micallef

Is-26 ta' Novembru, 2024

Social Policy and Children's Rights has approved the appointment of the Appeals Committee, for a period of three years with effect from 18th November, 2024, as follows:

*Chairperson*
Dr Noel Bezzina

*Members*
Dr Josette Barbara Cardona
Mr Martin Micallef

26th November, 2024

**Nru. 1642**

**No. 1642**

## AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

## LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,347 tad-19 ta' Novembru, 2024 (Avviżi Legali 304 sa 311) u l-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,349 tat-22 ta' Novembru, 2024 (Avviżi Legali 312 sa 319) rispettivament.

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 21,347 of 19th November, 2024 (Legal Notices 304 to 311) and Government Gazette No. 21,349 of 22nd November, 2024 (Legal Notices 312 to 319) respectively.

A.L. 304 tal-2024: Att dwar il-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta (Kap. 478); Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Inċentivi Finanzjarji għal Programmi tar-Realtà u Xandir ta' Logħob jew Kompetizzjonijiet Screen Malta.

L.N. 304 of 2024: Malta Film Commission Act (Cap. 478); Screen Malta Reality and Game Shows Financial Incentives (Amendment) Regulations, 2024.

A.L. 305 tal-2024: Att dwar il-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta (Kap. 478); Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Inċentivi Finanzjarji Screen Malta.

L.N. 305 of 2024: Malta Film Commission Act (Cap. 478); Screen Malta Financial Incentives (Amendment) Regulations, 2024.

A.L. 306 tal-2024: Att dwar l-Unjoni Ewropea (Kap. 460); Ordni tal-2024 li jemenda l-Ordni dwar Infrastruttura Kritika u Infrastruttura Kritika Ewropea (Identifikazzjoni, Indikazzjoni u Protezzjoni).

L.N. 306 of 2024: European Union Act (Cap. 460); Critical Infrastructures and European Critical Infrastructures (Identification, Designation and Protection) (Amendment) Order, 2024.

A.L. 307 tal-2024: Att dwar l-Unjoni Ewropea (Kap. 460); Ordni tal-2024 li jemenda l-Ordni dwar Miżuri għal Livell Għoli Komuni ta' Sigurtà tan-Networks u tas-Sistemi tal-Informazzjoni.

L.N. 307 of 2024: European Union Act (Cap. 460); Measures for High Common Level of Security of Network and Information Systems (Amendment) Order, 2024.

A.L. 308 tal-2024: Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kap. 595); Ordni tal-2024 li jemenda t-Tieni Skeda li tinsab mal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Emenda Nru 2).

L.N. 308 of 2024: Public Administration Act (Cap. 595); Public Administration Act (Amendment of Second Schedule) (Amendment No. 2) Order, 2024.

A.L. 309 tal-2024: Att dwar il-Mediċini (Kap. 458); Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Tqegħid ta' Tikketti u Ppakkettjar ta' Prodotti Mediċinali.

L.N. 309 of 2024: Medicines Act (Cap. 458); Medicinal Products (Labelling and Packaging) (Amendment) Regulations, 2024.

A.L. 310 tal-2024: Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217); Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Programm ta' Residenza Permanenti ta' Malta (Emenda Nru 2).

L.N. 310 of 2024: Immigration Act (Cap. 217); Malta Permanent Residence Programme (Amendment No. 2) Regulations, 2024.

A.L. 311 tal-2024: Ordinanza dwar il-Passaporti (Kap. 61); Regolamenti tal-2024 dwar Dokument Provviżorju tal-Ivvjaġġar tal-UE.

L.N. 311 of 2024: Passports Ordinance (Cap. 61); EU Emergency Travel Document Regulations, 2024.

A.L. 312 tal-2024: Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378); Regolamenti tal-2024 li jimplimentaw id-Drittijiet u l-Obbligi tal-Passiġġieri tal-Ferroviji.

L.N. 312 of 2024: Consumer Affairs Act (Cap. 378); Rail Passengers' Rights and Obligations (Implementing) Regulations, 2024.

A.L. 313 tal-2024: Att fuq Azzjoni dwar il-Klima (Kap. 643); Regolamenti tal-2024 dwar Sistema għall-Iskambju tal-Unjoni Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra għal Bini, Trasport tat-Triq u ta' Setturi Addizzjonali.

L.N. 313 of 2024: Climate Action Act (Cap. 643); European Union Greenhouse Gas Emissions Trading System for Buildings, Road Transport and Additional Sectors Regulations, 2024.

A.L. 314 tal-2024: Att fuq Azzjoni dwar il-Klima (Kap. 643); Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Sistema Kummerċjali tal-Unjoni Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra għall-Avjazzjoni.

L.N. 314 of 2024: Climate Action Act (Cap. 643); European Union Greenhouse Gas Emissions Trading System for Aviation (Amendment) Regulations, 2024.

A.L. 315 tal-2024: Att fuq Azzjoni dwar il-Klima (Kap. 643); Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Sistema Kummerċjali tal-Unjoni Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra għal Installazzjonijiet Stazzjonarji.

L.N. 315 of 2024: Climate Action Act (Cap. 643); European Union Greenhouse Gas Emissions Trading System for Stationary Installations (Amendment) Regulations, 2024.

A.L. 316 tal-2024: Att fuq Azzjoni dwar il-Klima (Kap. 643); Regolamenti tal-2024 dwar Sistema għall-Iskambju tal-Unjoni Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra għat-Trasport Marittimu.

L.N. 316 of 2024: Climate Action Act (Cap. 643); European Union Greenhouse Gas Emissions Trading System for Maritime Transport Regulations, 2024.

A.L. 317 tal-2024: *Insurance Business Act (Cap. 403); Insurance Business (Reorganisation and Winding up of Insurance Undertakings) (Amendment) Regulations, 2024.*

L.N. 317 of 2024: Insurance Business Act (Cap. 403); Insurance Business (Reorganisation and Winding up of Insurance Undertakings) (Amendment) Regulations, 2024.

A.L. 318 tal-2024: *Insurance Business Act (Cap. 403); Insurance Business (Protection and Compensation Fund) Regulations, 2024.*

L.N. 318 of 2024: Insurance Business Act (Cap. 403); Insurance Business (Protection and Compensation Fund) Regulations, 2024.

A.L. 319 tal-2024: Att tal-2024 dwar Persuni li Jipprovdu Servizzi ta' Kreditu u Dwar Xerrejja ta' Kreditu (Att Nru XXXII tal-2024); Avviż ta' Bidu fis-Seħħ

L.N. 319 of 2024: Credit Servicers and Credit Purchasers Act, 2024 (Act No. XXXII of 2024); Commencement Notice

Is-26 ta' Novembru, 2024

26th November, 2024

**Nru. 1643**

**No. 1643**

## ID-DIRETTUR ĠENERALI (KUMMERĊ) JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

IS-SUR Godwin Warr, Direttur Ġenerali (Kummerċ) daħal lura fuq dmirijietu fil-25 ta' Novembru, 2024, u l-arranġamenti

## RESUMPTION OF DUTIES OF DIRECTOR GENERAL (COMMERCE)

Mr Godwin Warr, Director General (Commerce), resumed duties on 25th November, 2024, and the arrangements referred

li hemm referenza għalihom fin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1601 tad-19 ta' Novembru, 2024, huma b'din imħassrin.

Is-26 ta' Novembru, 2024

**Nru. 1644**

**ĦATRA TA' AĠENT NUTAR PRINĊIPALI TAL-GVERN**

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni approva l-ħatra temporanja li ġejja:

| ISEM<br>*NAME* | POST<br>*POST* | DIPARTIMENT<br>*DEPARTMENT* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| In-Nutar Dott. Paul Callus | Aġent Nutar Prinċipali tal-Gvern<br>*Acting Chief Notary to Government* | Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern<br>*Office of the Notary to Government* | 1.12.2024 -5.12.2024 |

Is-26 ta' Novembru, 2024

**Nru. 1645**

**REVOKA TA' ART**

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

Jiena hawnhekk niddikjara illi skont artikolu 43 tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta dwar Artijiet tal-Gvern, qiegħed nirrevoka d-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-20 ta' Jannar, 2011, taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru 51.

Is-26 ta' Novembru, 2024
(File No. L/383/2010)

*Deskrizzjoni tal-Art*

L-art li ġejja fil-Marsa:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 406 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana u mil-Lvant ma' proprjetà ta' Joseph Bugeja u oħrajn u minn-Nofsinhar ma' triq pubblika jew irjieħ verjuri.

B'approvazzjoni tal-Hon. Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, ġie kkonfermat li l-art hawn fuq imsemmija m'għadhiex aktar meħtieġa minn Sport Malta u għalhekk qiegħda ssir din ir-revoka li biha qiegħda tiġi mħassra d-Dikjarazzjoni ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-20 ta' Jannar, 2011, taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 51 hawn fuq imsemmija.

to in the Government Notice No. 1601 of 19th November, 2024 are hereby being cancelled.

26th November, 2024

**No. 1644**

**APPOINTMENT OF ACTING CHIEF NOTARY TO GOVERNMENT**

THE Permanent Secretary in the Ministry for Justice and Reform of the Construction Sector has approved the following acting appointment:

| ISEM<br>*NAME* | POST<br>*POST* | DIPARTIMENT<br>*DEPARTMENT* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| In-Nutar Dott. Paul Callus | Aġent Nutar Prinċipali tal-Gvern<br>*Acting Chief Notary to Government* | Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern<br>*Office of the Notary to Government* | 1.12.2024 -5.12.2024 |

26th November, 2024

**No. 1645**

**REVOCATION OF LAND**

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I hereby declare that in accordance with article 43 of Chapter 573 of the Laws of Malta regarding Government Lands, I am revoking the Declaration of the President of Malta published in the Government Gazette of the 20th January, 2011, under Government Notice No.51.

26th November, 2024

*Description of the Land*

The following land in Marsa:

A plot of land measuring about 406 square metres, bounded on the north and east with a property of Joseph bugeja and others and on the south with a public street or more precise boundaries.

With an approval by the Hon. Minister for Education, Sport, Youth, Research and Innovation, it is being confirmed that the abovementioned land is no longer required by Sport Malta and so this revocation is being made by which the Declaration published in the Government Gazette of the 20th January, 2011, under Government Notice No. 51 mentioned above is being revoked.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D. 2010_1002 li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta.

(Iff.) Dott. John Vassallo
*Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet*

Il-21 ta' Novembru, 2024

The abovementioned land is shown delineated with the colour red on plan P.D. 2010_1002, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Dr John Vassallo
*Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority*

21st November, 2024

**Nru. 1646**

**No. 1646**

## REVOKA TA' ART

## REVOCATION OF LAND

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

Jiena hawnhekk niddikjara illi skont artikolu 43 tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta dwar Artijiet tal-Gvern, qiegħed nirrevoka parti mid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-20 ta' Jannar, 2011, taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru 52.

Is-26 ta' Novembru, 2024
(File No. L/846/1973/I/5)

I hereby declare that in accordance with article 43 of Chapter 573 of the Laws of Malta regarding Government Lands, I am revoking part of the Declaration of the President of Malta published in the Government Gazette of the 20th January, 2011, under Government Notice No. 52.

26th November, 2024

*Deskrizzjoni tal-Art*

L-art li ġejja fil-Marsa:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 187 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Rudolph Stilon u oħrajn, min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' Louis Camenzuli & Sons Ltd u mill-Grigal ma' proprjetà tal-Gvern jew irjieħ verjuri.

B'approvazzjoni tal-Hon. Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, ġie kkonfermat li l-art hawn fuq imsemmija m'għadhiex aktar meħtieġa minn Sport Malta u għalhekk qiegħda ssir din ir-revoka li biha qiegħda tiġi mħassra parti mid-Dikjarazzjoni ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-20 ta' Jannar, 2011, taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 52 hawn fuq imsemmija.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur aħmar immarkata bħala plot nru. '5D' fuq il-pjanta P.D. 129L_73_A_6, li wieħed jista' jara fuq talba tal-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta.

(Iff.) Dott. John Vassallo
*Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet*

Il-21 ta' Novembru, 2024

*Description of the Land*

The following land in Marsa:

A plot of land measuring about 187 square metres, bounded on the north with property with Rudolph Stilon and others, from the north with property of Louis Camenzuli & Sons Ltd and northeast with a Government property or more precise boundaries.

With an approval by the Hon. Minister for Education, Sport, Youth, Research and Innovation, it is being confirmed that the abovementioned land is no longer required by Sport Malta and so a revocation published in the Government Gazette of the 20th January, 2011, under Government Notice No. 52 is being made by which part of the Declaration mentioned above is being revoked.

The abovementioned land is shown delineated with the colour red marked on plot no. '5D' on plan P.D. 129L_73_A_6, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Dr John Vassallo
*Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority*

21st November, 2024

**Nru. 1647**

**REVOKA TA' ART**

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

Jiena hawnhekk niddikjara li skont artikolu 43 tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta dwar Artijiet tal-Gvern, qiegħed nirrevoka d-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-14 ta' Lulju, 2000, taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru 570.

Is-26 ta' Novembru, 2024
(File No. L/225/1981)

*Deskrizzjoni tal-Art*

L-art li ġejja f'Ħal Qormi:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 4,093 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà ta' Carmelina Miller u mill-Punent u min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-Gvern jew irjieħ verjuri.

Skont id-deċiżjoni tal-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet, datata 30 ta' Settembru, 2024 (Rikors nru. 62/22NB), ġie deċiż li l-art in kwistjoni ma ntużatx għal skop pubbliku għall-perjodu ta' aktar minn għaxar snin u li d-dikjarazzjoni ta' 14 ta' Lulju, 2000 għandha tiġi mħassra fir-rigward ta' din l-art u li tali art tiġi mrodda lura lis-sidien. Għalhekk din ir-revoka qiegħda ssir għal finijiet ta' din id-deċiżjoni.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur aħmar immarkata bħala plott nru '5' fuq il-pjanta P.D. 190/99 li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta.

(Iff.) Dott. John Vassallo
*Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet*

Il-21 ta' Novembru, 2024

**No. 1647**

**REVOCATION OF LAND**

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I hereby declare that in accordance with article 43 of Chapter 573 of the Laws of Malta regarding Government Lands, I am revoking the Declaration of the President of Malta published in the Government Gazette of the 14th July, 2000, under Government Notice No. 570.

26th November, 2024

*Description of the Land*

The following land in Ħal Qormi:

A plot of land measuring about 4,093 square metres, bounded on the northeast with a property of Carmelina Miller and from the west and south with a government property or more precise boundaries.

According to a decision by the Lands Arbitrary Board dated 30th September, 2024 (Appeal no. 62/22NB), it has been decided that the land in question has not be used for public purposes for a period of more than ten years and the declaration of 14th July, 2000, is to be revoked in this land's regard and the land has to be returned to the owners. Therefore the revocation is being made for the purposes of this decision.

The abovementioned land is shown delineated with the colour red as plot no. '5' on plan P.D. 190/99, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Dr John Vassallo
*Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority*

21st November, 2024

**Nru. 1648**

**REVOKA TA' ART**

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

Jiena hawnhekk niddikjara illi skont artikolu 43 tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta dwar Artijiet tal-Gvern, qiegħed nirrevoka d-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-22 ta' Jannar, 2016, taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru 52.

Is-26 ta' Novembru, 2024
(File No. A/51/2006/1)

**No. 1648**

**REVOCATION OF LAND**

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I hereby declare that in accordance with article 43 of Chapter 573 of the Laws of Malta regarding Government Lands, I am revoking the Declaration of the President of Malta published in the Government Gazette of the 22nd January, 2016, under Government Notice No. 52.

26th November, 2024

*Deskrizzjoni tal-Art*

L-art li ġejja f'Marsaskala:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 11,990 metru kwadru, li tmiss mil-Lbiċ ma' Triq il-Blajjiet, min-Nofsinhar ma' Triq is-Sdieri u mix-Xlokk ma' Triq Għar ix-Xama jew irjieħ verjuri.

Wara li parti miċ-ċens temporanju mogħti lil America University of Malta ġie terminat permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar James Grech fit-28 ta' Settembru, 2022, il-Bord tal-Gvernaturi kkonferma r-revoka tad-dikjarazzjoni.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta tar-Reġistru tal-Artijiet li ġġib in-numru 330077M, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta.

(Iff.) Dott. John Vassallo
*Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet*

Il-21 ta' Novembru, 2024

**Nru. 1649**

**AĠENZIJA GĦAL INFRASTRUTTURA MALTA**

**Xogħlijiet fit-Toroq**

BIS-SAĦĦA tal-Artikolu tlieta u għoxrin (23) tal-Avviż Legali 291 tal-2018, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tavża bl-intenzjoni tagħha illi li twettaq xogħlijiet fit-toroq:

Triq bla isem barra Triq il-Palma, l-Imġarr (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 28,848).

Kull persuna illi skont il-liġi għandha l-obbligu li twettaq l-imsemmija xogħlijiet fit-triq għandha sa ħmistax-il (15) jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż sabiex twettaq l-obbligi tagħha skont il-liġi. Fin-nuqqas, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħaddi sabiex tagħmel l-istess xogħlijiet hi stess skont is-saħħa lilha mogħtija mil-liġi u a spejjeż tal-persuni li huma legalment obbligat li jagħmlu x-xogħlijiet fit-triq.

Aktar għajnuna jew informazzjoni jistgħu jinkisbu permezz ta' ittra elettronika lil (info.im@infrastructuremalta.com).

Is-26 ta' Novembru, 2024

*Description of the Land*

The following land in Marsaskala:

A plot of land measuring about 11,990 square metres, bounded on the southwest with Triq il-Blajjiet, from south with Triq is-Sdieri and from southeast with Triq Għar ix-Xama or more precise boundaries.

After part of the temporary groundrent given to the America University of Malta has been terminated by a contract in the acts of Notary James Grech on the 28th September, 2022, the Board of Governors has confirmed the revocation of the declaration.

The abovementioned land is shown delineated with the colour red on plan of the Lands Authority which carries the number 330077M, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Dr John Vassallo
*Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority*

21st November, 2024

**No. 1649**

**AGENCY FOR INFRASTRUCTURE MALTA**

**Road Works**


IN virtue of Article twenty-three (23) of Legal Notice 291 of 2018, the Agency for Infrastructure Malta hereby gives official notice of its intention to carry out road works at:

Unnamed road off Triq il-Palma, Mġarr (indicated on site plan on page 28,848).

Any person who is obliged by law to carry out the said road works has fifteen (15) days from the date of the publication of this notice within which to comply with his obligations at law. In default, the Agency for Infrastructure Malta shall itself proceed with the road works in accordance with its powers at law and at the expense of those persons whose obligation it is to carry out the road works.

Further assistance or information may be obtained by email to (info.im@infrastructuremalta.com).

26th November, 2024




INFRASTRUCTURE MALTA

| | | | |
|---|---|---|---|
| CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Steve Ellul | UNIT NAME: Coordination | DRAWING TITLE: L-IMGARR unnamed road off Triq Il-Palma - SITE PLAN (Extents of Works are not binding but indicative) | |
| S:\Traffic Management\2021\Mgarr\2021 Mgarr.dwg | HEAD OF UNIT: R.C. | | |
| | PROJECT LEADER: - | DATE: Sep 2024 / FILE NO: - / DRAWING NO: IMD363/21 | |
| | DRAWN BY: - | SHEET SIZE: A4 / SCALE: 1:2500 / REVISION: B / PAGE NO: 12 | |

**Nru. 1650**

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET**

**Notifika ta' Affissjoni ta' Avviż**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skont ir-Regolament Nru. 10 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 573.06, twaħħal avviż fuq l-artijiet hawn taħt indikati li permezz tal-istess affissjoni, il-koinkwilini ġja rikonoxxuti in solidum qegħdin jiġu notifikati dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjoni li saret fuq l-istess art minn koinkwilini oħra. L-applikant huwa responsabbli li jiżgura li l-avviż jibqa' hekk imwaħħal fuq il-post għal ħamest (5) ijiem tax-xogħol mid-data tat-twaħħil.

F'każ li l-avviż jitneħħa minn kwalunkwe persuna qabel l-iskadenza tal-perjodu indikat, l-applikant għandu jikkuntattja lill-Awtorità tal-Artijiet fuq (enforcement.la@landsauthority.org.mt), sabiex l-avviż jerġa' jitwaħħal fuq il-post.

Is-26 ta' Novembru, 2024

| Nru. tal-Applikazzjoni<br>*Application No.* | Nru. tal-Proprjetà/Tenement<br>*Property/Tenement No.* | Deskrizzjoni tal-Proprjetà<br>*Property Description* | Talba<br>*Request* |
|---|---|---|---|
| AGRI 1/2024/0381 | 050584-006 | 17th portion of 1st div. of lands Binġemma, Mġarr Malta | Transfer of agricultural lease rights onto a third-party farmer |
| AGRI 1/2024/0695 | Z50038-004 | 1st portion of field Tal-Għorf Xagħra, Gozo | Transfer of agricultural lease rights onto a third-party farmer |

**Nru. 1651**

**AĠENZIJA GĦAL INFRASTRUTTURA MALTA**

**Tlestija tal-Formazzjoni tat-Triq u Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ**

BIS-SAĦĦA tal-Artikolu tmintax (18) tal-Avviż Legali 291 tal-2018, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tavża bl-intenzjoni tagħha illi tlesti l-formazzjoni ta':

Triq Tas-Sliema, Triq Reġjonali, Triq il-Madonna tal-Ġebla, Triq Antonio Sammut, Triq Emanuele Griodano, Triq Reggie Miller, il-Gżira (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 28,851).

Triq D'Argens, Triq Rodolfu, Triq Ġanni Bencini, Triq Moroni, Triq Manwel Dimech, Triq San Ġwann Battista, Triq Sant'Agata, Triq il-Lunzjata, Triq Castelletti, Triq San Pawl, Triq tal-Katidral, Triq Amery, Triq Stella Maris, Triq il-Kbira, Tas-Sliema (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 28,852).

Triq Sir George Borg, Triq Ġużè Howard, Triq Sir Adrian Dingli, Triq Santa Margerita, Triq San Ġwann Bosco, Triq

**No. 1650**

**LANDS AUTHORITY**

**Notification of Affixation of Notice**

IT is notified for general information that in terms of Regulation No. 10 of Subsidiary Legislation 573.06, a notice has been affixed on the hereunder indicated sites informing co-tenants recognised in solidum with the submission of the application that has been made by other co-tenants on the same land. Applicant is responsible to ensure that the notice is to remain affixed on site for five (5) working days from the date of affixation.

If the notice is removed by third parties prior to the expiry of such date, the applicant must contact the Lands Authority on (enforcement.la@landsauthority.org.mt), so that the notice is re-affixed on site.

26th November, 2024

**No. 1651**

**AGENCY FOR INFRASTRUCTURE MALTA**

**Completion of Road Formation and Traffic and Parking Suspension**

IN virtue of Article eighteen (18) of Legal Notice 291 of 2018, the Agency for Infrastructure Malta hereby gives official notice of its intention to complete the formation of:

Triq Tas-Sliema, Triq Reġjonali, Triq il-Madonna tal-Ġebla, Triq Antonio Sammut, Triq Emanuele Griodano, Triq Reggie Miller, Gżira (indicated on site plan on page 28,851).

Triq D'Argens, Triq Rodolfu, Triq Ġanni Bencini, Triq Moroni, Triq Manwel Dimech, Triq San Ġwann Battista, Triq Sant'Agata, Triq il-Lunzjata, Triq Castelletti, Triq San Pawl, Triq tal-Katidral, Triq Amery, Triq Stella Maris, Triq il-Kbira, Tas-Sliema (indicated on site plan on page 28,852).

Triq Sir George Borg, Triq Ġużè Howard, Triq Sir Adrian Dingli, Triq Santa Margerita, Triq San Ġwann Bosco, Triq

Sir Luigi Camilleri, Tas-Sliema (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 28,853).

Kull persuna illi skont il-liġi għandha l-obbligu li tifforma din it-triq (inkluż billi takkwista l-art neċessarja għall-istess formazzjoni) għandha sa ħmistax-il (15) jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż sabiex twettaq l-obbligi tagħha skont il-liġi. Fin-nuqqas, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħaddi sabiex tagħmel l-istess xogħol ta' formazzjoni hi stess skont is-saħħa lilha mogħtija mil-liġi u a spejjeż tal-persuni li huma legalment obbligati jiffurmaw it-triq.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn is-27 ta' Novembru, 2024 u l-30 ta' Ġunju, 2025, se tkun qed tibda xogħlijiet fi Triq tas-Sliema, Triq Reġjonali, Triq il-Madonna tal-Ġebla, Triq Antonio Sammut, Triq Emanuele Griodano, Triq Reggie Miller, il-Gżira. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn is-27ta' Novembru, 2024 u l-30 ta' Ġunju, 2025, se tkun qed tibda xogħlijiet fi Triq D'Argens, Triq Rodolfu, Triq Ganni Bencini, Triq Moroni, Triq Manwel Dimech, Triq San Ġwanni Battista, Triq Sant'Agata, Triq il-Lunzjata, Triq Castelleti, Triq San Pawl, Triq tal-Katidral, Triq Amery, Triq Stella Maris, Triq il-Kbira, Tas-Sliema. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn is-27 ta' Novembru 2024 u l-30 ta' Ġunju, 2025, se tkun qed tibda xogħlijiet Triq Sir George Borg, Triq Ġużè Howard, Triq Sir Adrian Dingli, Triq Santa Margerita, Triq San Ġwann Bosco, Triq Luigi Camilleri, Tas-Sliema. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż u t-tabelli relatati fuq il-post biex ma jsirx parkeġġ, ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Aktar informazzjoni jew għajnuna jistgħu jinkisbu permezz ta' ittra elettronika lil (info.im@infrastructuremalta.com).

Is-26 ta' Novembru, 2024

Sir Luigi Camilleri, Tas-Sliema ( indicated on site plan on page 28,853).

Any person who is obliged by law to form said road (including by acquiring land necessary for the same formation) has fifteen (15) days from the date of the publication of this notice within which to comply with his obligations at law. In default, the Agency for Infrastructure Malta shall itself proceed with the formation of this road in accordance with its powers at law and at the expense of those persons whose obligation it is to form the road.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 27th November, 2024 and 30th June, 2025, it will be starting road works in Triq tas-Sliema, Triq Reġjonali, Triq il-Madonna tal-Ġebla, Triq Antonio Sammut, Triq Emanuele Griodano, Triq Reggie Miller, Gżira. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. 'No parking' signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.


The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 27th November, 2024 and 30th June, 2025, it will be starting road works in Triq D'Argens, Triq Rodolfu, Triq Ġanni Bencini, Triq Moroni, Triq Manwel Dimech, Triq San Ġwanni Battista, Triq Sant'Agata, Triq il-Lunzjata, Triq Castelletti, Triq San Pawl, Triq tal-Katridral, Triq Amery, Triq Stella Maris, Triq il-Kbira, Tas-Sliema. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. 'No parking' signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 27th November, 2024 and 30th June, 2025, it will be starting road works in Triq George Borg, Triq Ġużè Howard, Triq Sir Adrian Dingli, Triq Santa Margerita, Triq San Ġwann Bosco, Triq Luigi Camilleri, Tas-Sliema. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. 'No parking' signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

Vehicles found in contravention to the order of this notice and to the related 'no parking' signs on site are liable to be towed.

Further assistance or more information may be obtained by email to (info.im@infrastructuremalta.com).

26th November, 2024




INFRASTRUCTURE MALTA

| | |
|---|---|
| UNIT NAME: | Implementation |
| HEAD OF UNIT: | N.V. |
| PROJECT LEADER: | - |
| DRAWN BY: | - |
| CHIEF EXECUTIVE OFFICER: | Steve Ellul |
| DRAWING TITLE: | - Sliema Falcon Reinforcement Area Enemalta Trench Phase 3 - Gzira Only (Extents of Works are not binding but indicative) |
| DATE: | Sep 2024 |
| FILE NO: | - |
| DRAWING NO: | IMD225/24/a |
| SHEET SIZE: | A3 |
| SCALE: | N.T.S |
| REVISION: | - |
| PAGE NO: | 2 of 3 |

S:\Traffic Management\2024\Birkirkara\2024 Birkirkara.dwg




INFRASTRUCTURE MALTA

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Issue | Alterations | Drawn | Checked | Approved | Date |

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Steve Ellul

S:\Traffic Management\2024\Birkirkara\2024 Birkirkara.dwg

UNIT NAME: Implementation

HEAD OF UNIT: N.V.


PROJECT LEADER: -

DRAWN BY: -

DRAWING TITLE: -
Sliema Falcon Reinforcement Area
Enemalta Trench Phase 3 - Sliema Only
(Extents of Works are not binding but indicative)

| DATE: | FILE NO: | DRAWING NO: |
|---|---|---|
| Sep 2024 | - | IMD225/24/b |

| SHEET SIZE: | SCALE: | REVISION: | PAGE NO: |
|---|---|---|---|
| A3 | N.T.S | - | 3 of 3 |


TORRI
BANK
TRIQ IT-TORRI
TRIQ SIR GEORGE BORG
TRIQ SIR ADRIAN DINGLI
TRIQ VINDSUR
TRIQ L-GREGHE
PJAZZA SIR ADRIAN DINGLI
TRIQ KARM GALEA
SKOLA
SITE
TRIQ DON MIKIEL RIA
TRIQ SIR ARTURO MERCIECA
TRIQ SIR LUIGI CAMILLERI
TRIQ DON KARM PSAILA
TRIQ SANTA MARGERITA
TRIQ NORFOLK
TRIQ MELITA
TRIQ DEPIRO
SKOLA
TRIQ VICTOR LAURENT
TRIQ SAN GIRGOR
TREJQET IR-REGINA VITTORJA
TRIQ GORG BORG OLIVIER
TRIQ IL-PALA
INFRASTRUCTURE MALTA
UNIT NAME: IMPLEMENTATION
HEAD OF UNIT: N.V.
PROJECT LEADER: -
CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Steve Ellul
DRAWN BY: -
S:\Traffic Management\2024\Sliema\2024 Sliema.dwg
DRAWING TITLE: TAS-SLIEMA
Sliema Area Reinforcement
Enemalta Trenches Phase 3 - Site Plan
(Extents of Works are not binding but indicative)
DATE: Aug 2024
FILE NO: -
DRAWING NO: IMD206/24
SHEET SIZE: A4
SCALE: 1:2500
REVISION: A
PAGE NO: 3

**No. 1652**

## AWTORITÀ TA' MALTA GĦALL-KOMPETIZZJONI U GĦALL-AFFARIJIET TAL-KONSUMATURI

### Noti ta' Spjegazzjoni

**1. Introduzzjoni**

| | |
|---|---|
| **Titolu tar-regolamenti** | Regolamenti tal-2024 li jimplimentaw id-Drittijiet u l-Obbligi tal-Passiġġieri tal-Ferroviji (minn hawn 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti") |
| **L-attività li se tiġi regolata** | Drittijiet ta' passiġġieri tal-ferroviji |
| **Entità responsabbli** | Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur (OCA) fi ħdan l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur. |

**2. Taqsira u l-Isfond**

***2.1 L-iskopijiet u Għanijiet tal-leġiżlazzjoni***

Ir-Regolament (UE) 2021/782 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (riformulazzjoni) (minn hawn 'il quddiem imsejħa r-"Regolament (UE) 2021/782") jistabbilixxi regoli applikabbli għall-vjaġġi u s-servizzi ferrovjarji internazzjonali u domestiċi fl-Unjoni pprovduti minn impriża ferrovjarja waħda jew aktar li jkunu liċenzjati skont id-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea, bil-għan li tissaħħaħ il-protezzjoni tal-passiġġieri tal-ferroviji u tinkoraġġixxi l-ivvjaġġar bil-ferroviji.

L-għan tar-regolamenti huwa li jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2021/782.

Sakemm l-eżenzjoni fl-Artikolu 31(4) tar-Regolament (UE) 2021/782 tibqa' fis-seħħ, ir-Regolamenti se japplikaw biss għall-operaturi tal-vjaġġi u l-bejjiegħa tal-biljetti kif definiti fir-Regolament (UE) 2021/782, u tali operaturi u bejjiegħa għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli għalihom, jiġifieri l-Artikoli 5, 9, 11, 12, 20(1), 21, 22, 24, 30 u 32(2) tar-Regolament (UE) 2021/782.

Ir-Regolament (UE) 2021/782 jista' jiġi aċċessat permezz tal-links li ġejjin:

https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32021R0782;

https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CELEX:32021R0782

Informazzjoni fuq ir-Regolament (UE) 2021/782 jista' jiġi aċċessat minn din il-link:

https://transport.ec.europa.eu/transport-themes/passenger-rights/rail_en

***2.2 Importanza tal-leġislazzjoni***

Biex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2021/782 sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-passiġġieri tal-ferroviji u, safejn l-eżenzjoni stabbilita fl-Artikolu 31(4) tar-Regolament (UE) 2021/782 tibqa' fis-seħħ, biex jiġu introdotti obbligi ta' infurzar fuq operaturi tal-vjaġġi u bejjiegħa tal-biljetti li qed jiksru r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/782.

**3. Ħarsa ġenerali tal-istruttura tal-istrument**

Ir-regolamenti proposti huma magħmula minn ħames (5) regolamenti.

**4. Kummentarju**

| In-Nru tar-regolament tal-abbozz | Tifsira u obbligi mqiegħda fuq l-utent |
|---|---|
| **1-Titolu u għan** | Ir-regolament 1 jipprovdi t-titolu u l-għan tar-regolamenti li għandhom jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2021/782. |
| **2-Tifsir** | a. Ir-regolament 2(1) jipprovdi t-tifsiriet tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, tad-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur), ta' persuna b'diżabbiltà, ta' persuna b'mobbiltà mnaqqsa, tar-Regolament (UE) 2021/782 u tal-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur;<br><br>b. Ir-regolament 2(2) jipprovdi li passiġġieri, persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa għandhom jiġu kklassifikati **bħala konsumaturi** skont l-artikolu 2 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378) **għall-fini tar-regolamenti;**<br><br>ċ. Ir-regolament 2(3) jipprovdi li kliem li mhumiex definiti fir-regolamenti, għandu jkollhom l-istess tifsira kif mogħtija lilhom fir-Regolament (UE) 2021/782 u dawk il-kliem li huma wżati fir-regolamenti li la huma definiti fir-regolamenti u lanqas fir-Regolament (UE) 2021/782, għandu jkollhom l-istess tifsira kif mogħtija lilhom fl-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378). |
| **3- Korp nazzjonali tal-infurzar identfikat** | Ir-regolament 3 jidentifika lill-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur bħala l-korp nazzjonali tal-infurzar għall-fini tar-Regolament (UE) 2021/782. |
| **4- Il-funzjonijiet u s-setgħat tad-Direttur Ġenerali** | Ir-regolament 4 jistabbilixxi l-funzjonijiet u s-setgħat tad-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur taħt ir-regolamenti, liema funzjonijiet u setgħat għandhom ikunu l-istess bħal dawk preskritti lid-Direttur Ġenerali taħt l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta). |
| **5- Penali u proċedimenti** | Fis-subregolament (1) tiegħu, ir-regolament 5 jistabbilixxi l-penali għall-ksur tar-Regolament (UE) 2021/782, liema pieni għandhom ikunu dawk stabbiliti fit-Taqsima XIIA tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta);<br><br>Fis-subregolament (2) tiegħu, ir-regolament 5 jispeċifika li l-proċedimenti li għandhom japplikaw fir-rigward ta' kwalunkwe ksur tar-Regolament (UE) 2021/782, għandhom ikunu dawk il-proċedimenti li huma stabbiliti fit-Taqsima IIA tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta). |

**5. Konklużjoni**

Jekk tkun meħtieġa aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattja l-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur fi ħdan l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur.

**N.B. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għall-istess. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex intiżi bħala deċiżjoni awtorevoli fuq l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.**

*Noti ta' spjegazzjoni dwar ir-Regolamenti tal-2024 li jimplimentaw id-Drittijiet u l-Obbligi tal-Passiġġieri tal-Ferroviji li ġew ippubblikati nhar il-Ġimgħa, it-22 ta' Novembru, 2024.*

**No. 1652**

**MALTA COMPETITION AND CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY**

**Explanatory Notes**

**1. Introduction**

| | |
|---|---|
| **Title of Regulations** | Rail Passengers' Rights and Obligations (Implementing) Regulations, 2024 (hereinafter referred to as the "regulations") |
| **Activity to be regulated** | Rights of rail passengers |
| **Responsible entity** | The Office for Consumer Affairs (OCA) within the Malta Competition and Consumer Affairs Authority (MCCAA) |

**2. Summary and Background**

***2.1 Aims & Objectives of the legislation***

Regulation (EU) 2021/782 of the European Parliament and of the Council of 29 April 2021 on rail passengers' rights and obligations (recast) (hereinafter referred to as "Regulation (EU) 2021/782") lays down rules applicable to international and domestic rail journeys and services throughout the Union provided by one or more railway undertakings licensed in accordance with Directive 2012/34/EU of the European Parliament and of the Council of 21 November 2012 establishing a single European railway area, with a view to enhance protection of rail passengers and encourage rail travel.

The aim of the regulations is to implement the provisions of Regulation (EU) 2021/782.

Until the exemption in Article 31(4) of Regulation (EU) 2021/782 remains in effect, the Regulations will apply only to tour operators and ticket vendors as defined in Regulation (EU) 2021/782, and such operators and vendors shall accordingly comply with the requirements applicable to them, namely Articles 5, 9, 11, 12, 20(1), 21, 22, 24, 30 and 32(2) of Regulation (EU) 2021/782.

Regulation (EU) 2021/782 can be accessed through the following links:

https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CELEX:32021R0782;

https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32021R0782

Information on Regulation (EU) 2021/782 can be accessed through the following link:

https://transport.ec.europa.eu/transport-themes/passenger-rights/rail_en

***2.2 Importance of legislation***

To implement the provisions of Regulation (EU) 2021/782 in order to enhance protection of rail passengers and, insofar as the exemption laid down in Article 31(4) of Regulation (EU) 2021/782 remains in effect, to introduce enforcement obligations only on tour operators and ticket vendors which are in breach of the requirements laid down in Regulation (EU) 2021/782.

**3. Overview of the structure of the instrument**

The proposed regulations consist of five (5) regulations.

**4. Commentary**

| Regulation No. of draft L.N. | Meaning & obligations placed on user |
|---|---|
| **1-Citation and scope** | Regulation 1 provides the title and the scope of the regulations that is to implement the provisions of Regulation (EU) 2021/782. |
| **2-Interpretation** | a. Regulation 2(1) provides the definitions of the Consumer Affairs Act, the Director General (Consumer Affairs), the Office for Consumer Affairs, person with disabilities, person with reduced mobility and of Regulation (EU) 2021/782;<br><br>b. Regulation 2(2) provides that passengers, persons with disability and persons with reduced mobility shall be classified as consumers in accordance with article 2 of the Consumer Affairs Act (Cap. 378) for the purpose of the regulations;<br><br>c. Regulation 2(3) provides that words which are undefined in the regulations, shall have the same meaning as assigned to them in Regulation (EU) 2021/782 and that words which are used in the regulations which are neither defined in the regulations nor in Regulation (EU) 2021/782, shall have the same meaning as assigned to them in the Consumer Affairs Act (Cap. 378). |
| **3- Designated national enforcement body** | Regulation 3 designates the Office for Consumer Affairs as the national enforcement body for the purpose of Regulation (EU) 2021/782. |
| **4- Functions and powers of the Director General** | Regulation 4 lays down the functions and powers of the Director General of the Office for Consumer Affairs under the regulations, which functions and powers shall be the same as those assigned to the Director General under the Consumer Affairs Act (Cap. 378 of the Laws of Malta). |
| **5- Penalties and proceedings** | In sub-regulation (1) thereof, regulation 5 lays down the penalties for infringements of Regulation (EU) 2021/782, which penalties shall be those established in Part XIIA of the Consumer Affairs Act (Cap. 378 of the Laws of Malta);<br><br>In sub-regulation (2) thereof, regulation 5 specifies that the proceedings that shall apply in relation to any infringements of Regulation (EU) 2021/782 shall be those proceedings that are established in Part IIA of the Consumer Affairs Act (Cap. 378 of the Laws of Malta). |

**5. Concluding Section**

Should more information be required, kindly contact the Office for Consumer Affairs within the Malta Competition and Consumer Affairs Authority.

**N.B. This Explanatory Note is not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement to it. This Note does not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.**

*Explanatory notes of the Rail Passengers' Rights and Obligations (Implementing) Regulations, 2024 published on Friday 22nd November, 2024.*

26th November, 2024

**No. 1653**

**MINISTRY FOR FINANCE**

**Explanatory Notes – Insurance Business (Protection and Compensation Fund) Regulations, 2024**[1]

**1. Introduction**

The title of these reissued regulations is the Insurance Business (Protection and Compensation Fund) Regulations, 2024 (hereinafter referred to as 'the new PCF Regulations'). These Regulations transpose certain provisions of Directive (EU) 2021/2118 of the European Parliament and of the Council of 24 November 2021 amending Directive 2009/103/EC relating to insurance against civil liability in respect of the use of motor vehicles, and the enforcement of the obligation to insure against such liability. Directive (EU) 2021/2118 shall hereinafter be referred to as the "Amending Directive".

In order to partially transpose the Amending Directive, the following has been undertaken:

i. the revocation of the Protection and Compensation Fund Regulations ("S.L. 403.13" or "the PCF Regulations"); and

B'konsegwenza ta' dan l-ebda bastiment mhu se jitħalla jidħol, jinnaviga jew jirmiġġa fiż-żona. Kwalunkwe bastiment irmiġġat fiż-żona għandu jitneħħa matul id-data u l-ħinijiet imsemmija hawn fuq, kull bastiment li jitħalla rmiġġat fiż-żona jitneħħa bi spejjeż tas-sid.

Il-Forzi Armati ta' Malta, il-Pulizija ta' Malta u l-uffiċjali tal-infurzar ta' TM abbord il-bastimenti tagħhom se jkunu qed jgħassu fiż-żona.

Il-baħħara għandhom josservaw l-istruzzjonijiet u d-direzzjonijiet maħruġa fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS u minn kwalunkwe dgħajjes tal-infurzar marittimu fiż-żona.

Il-pożizzjonijiet huma f'WGS 84 DATUM

Chart affettwata: BA 177

Is-26 ta' Novembru, 2024

TRANSPORT MALTA

**Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 159 of 2024**

*Santa Swimming Event fil-Port ta' Marsamxett*

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, jgħarraf li s-Santa Swimming Event se jsir nhar il-Ħadd, 1 ta' Diċembru, 2024. L-avveniment ta' għawm jibda għall-ħabta tal-10.30 a.m. u jispiċċa bejn wieħed u ieħor f'nofsinhar.

L-avveniment se jibda mill-Marina tal-Grand Hotel Excelsior punt A, għal Manoel Island punt B, u mbagħad għall-klabb tal-waterpolo f'Ta' Xbiex punt C u fl-aħħar lura għall-Marina tal-Grand Hotel Excelsior, kif muri fuq iċ-chart fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Bastimenti ta' appoġġ se jakkumpanjaw lill-għawwiema parteċipanti.

Il-baħħara huma avżati biex joqogħdu attenti u jbaħħru lil hinn miż-żona fid-data u l-ħin stipulati, u jagħtu lill-għawwiema spazju wiesa'.

will be held between Wednesday, 4th December, 2024 and Friday, 6th December, 2024.

A maritime exclusion zone will be established off St Julian's as shown in red on the chart on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

The maritime exclusion zone will be in force from Tuesday, 3rd, December, 2024, at 6.00 a.m., until Saturday, 7th December, 2024, at 6.00 a.m.

As a consequence of this no vessel will be allowed to enter, navigate or moor in the area. Any vessel moored within the area is to be removed during the abovementioned date and times, any vessel left moored within the area will be removed at the expense of the owner.

The Armed Forces of Malta, Malta Police and TM enforcement officers on board their vessels will be patrolling the area.

Mariners are to comply with instructions and directions issued on VHF Channel 12 and/or 16 by Valletta VTS and by any maritime enforcement assets in the area.

Positions are in WGS 84 DATUM

Chart affected: BA 177

26th November, 2024

TRANSPORT MALTA

**Local Notice to Mariners No. 159 of 2024**

*Santa Swimming Event in Marsamxett Harbour*

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies that the Santa Swimming Event will be held on Sunday, 1st December, 2024. The swimming event is estimated to commence at 10.30 a.m. and will finish at approximately noon.

The Santa swimming event will start from the Grand Hotel Excelsior Marina point A, towards Manoel Island point B, then to Ta' Xbiex waterpolo club point C and finally back to the Grand Hotel Excelsior Marina point A, as shown on the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

Support vessels will accompany the participating swimmers.

Mariners are advised to keep a sharp lookout and navigate well clear of the area during the stipulated date and time, giving the swimmers a wide berth.

Huma għandhom josservaw kwalunkwe struzzjoni mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, minn Valletta VTS u minn kwalunkwe persunal tal-infurzar fuq il-post.

Chart affettwata: BA 177

Is-26 ta' Novembru, 2024

TRANSPORT MALTA

**Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 160 of 2024**

*Malta Young Sailors Club - Euromed International Regatta - Bajja tal-Mellieħa - Diċembru, 2024*

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li l-Malta Young Sailors Club se jorganizza l-Euromed Sailing Championship 2024, bejn il-Ħamis, 19 ta' Diċembru u l-Ħadd, 22 ta' Diċembru, 2024, mid-9.00 a.m. sal-5.00 p.m. kuljum.

L-attivitajiet se jsiru fil-Bajja tal-Mellieħa u d-daħla tagħha, f'żona delinjata mil-linji immaġinarji li jgħaqqdu l-pożizzjonijiet A sa B u B sa C, kif jidher fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Żubruni li jintefħu, biex jindikaw il-korsa fiż-żona msemmija hawn fuq, għandhom jitqiegħdu, wara t-8.00 a.m. u jitneħħew wara l-aħħar tellieqa, f'kull ġurnata tal-attivitajiet.

Se jkun hemm ukoll tlielaq ta' taħriġ bejn il-Ħadd, 8 ta' Diċembru u t-Tlieta, 17 ta' Diċembru, 2024, fl-istess żona u matul l-istess ħinijiet. Iż-żubruni li jintefħu se jitqiegħdu wkoll kuljum biex jindikaw il-korsa.

Il-bastimenti kollha li mhumiex involuti fir-regatta għandhom iżommu 'l bogħod sew mid-dgħajjes li jikkompetu u jsegwu kwalunkwe struzzjonijiet mogħtija mill-uffiċjali tat-tellieqa u l-bastimenti ta' appoġġ.

Il-baħħara għandhom jinnutaw dan ta' hawn fuq u għandhom iżommu 'l bogħod miż-żona indikata. Huma qed jingħataw ukoll struzzjonijiet biex josservaw bis-sħiħ ir-Regola 18 (COLREGS 1972) u biex joqogħdu 'l bogħod mill-bastimenti tal-qlugħ li jipparteċipaw fir-regatta. Kwalunkwe struzzjonijiet maħruġa mill-Valletta VTS fuq VHF Channel 12 u/jew 16 u minn kwalunkwe uffiċjal tal-infurzar fuq il-post, għandhom jiġu osservati.

Charts affettwati: BA 211, 2538, 2537

Is-26 ta' Novembru, 2024

They are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS and by any enforcement personnel on site.

Chart affected: BA 177

26th November, 2024

TRANSPORT MALTA

**Local Notice to Mariners No. 160 of 2024**

*Malta Young Sailors Club - Euromed International Regatta - Mellieħa Bay - December, 2024*

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that the Malta Young Sailors Club will be holding the Euromed Sailing Championship 2024, between Thursday, 19th December and Sunday, 22nd December, 2024, from 9.00 a.m. till 5.00 p.m. daily.

The activities will take place at Mellieħa bay and its approaches, in an area delineated by the imaginary lines joining positions A to B and B to C as shown on the chart on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

Inflatable marker buoys, to indicate the racecourse within the above-mentioned area, shall be laid, after 8.00 a.m. and removed after the last race, on each day of the activities.

There will also be training races between Sunday, 8th December and Tuesday, 17th December, 2024, within the same area and during the same time. The inflatable marker buoys will also be laid on each day to indicate the racecourse.

All vessels that are not involved in the regatta are to keep well clear of the competing boats and follow any instructions given by the race officials and support vessels.

Mariners are to note the above and are to give the area indicated a wide berth. They are further instructed to fully comply with Rule 18 (COLREGS 1972) and to 'keep out of the way' of the sailing vessels participating in the regatta. Any instructions issued by Valletta VTS on VHF channel 12 and/or 16 and by any enforcement officer on site, are to be complied with.

Charts affected: BA 211, 2538, 2537

26th November, 2024

TRANSPORT MALTA

**Avviż lill-Baħħara Nru. 26 tal-2024**

*Survey MEDIA 2024 – Riċerka madwar Malta u bejn Malta u Sqallija*

Id-Direttorat tal-portijiet u Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li se jsir stħarriġ akustiku u riċerka madwar Malta u bejn Malta u Sqallija.

Jekk it-temp jippermetti l-istħarriġ/riċerka huwa ppjanat li jibda b'seħħ immedjat u jitlesta sas-Sibt 30 ta' Novembru, 2024, u x-xogħol isir lejl u nhar tul it-transects li ġejjin:

| *Minn*<br>*From* | *Latitudni (T)*<br>*Latitude (N)* | *Longitudni (L)*<br>*Longitude (E)* | *Sa*<br>*To* | *Latitudni (T)*<br>*Latitude(N)* | *Longitudni (L)*<br>*Longitude (E)* |
|---|---|---|---|---|---|
| M1 | 36° 23'.104 | 014° 29'.814 | M2 | 36° 02'.842 | 014° 20'.246 |
| M3 | 35° 57'.031 | 014° 29'.814 | M4 | 36° 20'.434 | 014° 40'.269 |
| M5 | 36° 17'.293 | 014° 51'.431 | M6 | 35° 41'.009 | 014° 34'.953 |
| M7 | 35° 30'.643 | 014° 43'.104 | M8 | 36° 14'.151 | 015° 01'.708 |
| M9 | 36° 10'.539 | 015° 12'.517 | M10 | 35° 27'.030 | 014° 52'.672 |
| M11 | 35° 27'.344 | 014° 05'.429 | M12 | 36° 03'.470 | 015° 21'.906 |
| M13 | 36° 08'.367 | 014° 17'.828 | M14 | 36° 05'.156 | 014° 16'.017 |
| M15 | 36° 06'.762 | 014° 12'.813 | M16 | 36° 01'.822 | 014° 07'.519 |
| M17 | 35° 57'.994 | 014° 11'.002 | M18 | 36° 00'.711 | 014° 12'.952 |
| M19 | 35° 57'.253 | 014° 16'.574 | M20 | 35° 51'.819 | 014° 12'.674 |
| M21 | 35° 47'.868 | 014° 17'.271 | M22 | 35° 50'.955 | 014° 20'.475 |
| M23 | 35° 48'.115 | 014° 26'.604 | M24 | 35° 43'.175 | 014° 23'.679 |
| M25 | 35° 42'.558 | 014° 29'.251 | M26 | 35° 47'.911 | 014° 31'.898 |

Parti mix-xogħol jikkonsisti mill-bastiment tal-istħarriġ jirmonka pelagic net u xi drabi ikun ukoll wieqaf għalhekk se jkun ristrett fl-immanuvrar tiegħu.

Il-bastiment tal-istħarriġ se juri d-dwal xierqa u s-sinjali skont ir-Regolamneti għall-Prevenzjoni tal-Kolliżjonijiet fuq il-Baħar (Colregs) u mal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sinjali.

Il-baħħara huma avżati biex ibaħħru b'kawtela meta l-bastiment imsemmi hawn fuq jintlemaħ u jżommu distanza sigura ta' 0.50 mil nawtiku mill-bastimenti.

Huma għandhom josservaw kull struzzjoni mogħtija fuq VHF Channel 69 u/jew 16 mill-Malta Coastal Station (Malta VTS) u fuq VHF Channel 12 mill-Valletta VTS meta jaqsmu l-fliegu bejn Sqallija u Malta.

Charts affettwati: BA 194, 2123, 2124, 2537, 2538 u Int. 301

Pożizzjonijiet b'referenza għal WGS 84 DATUM

Is-26 ta' Novembru, 2024

TRANSPORT MALTA

**Notice to Mariners No. 26 of 2024**

*MEDIAS 2024 Survey – Research around Malta and between Malta and Sicily*

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that acoustic survey and research will be carried out around Malta and between Malta and Sicily.

Weather permitting the survey/research is planned to commence on with immediate effect and be completed by Saturday, 30th November, 2024, and work will be done day and night along the following transects:

Part of the work consists of the survey vessel towing a pelagic net and sometimes she will also be stationary therefore she will be restricted in her ability to manoeuvre.

The survey vessel shall exhibit the appropriate lights and shape signals in accordance with the Regulations for the Prevention of Collisions at sea. 1972 (Colregs) and with the International Code of Signals.

Mariners are instructed to navigate with caution when the above-mentioned vessel is sighted and maintain a safe distance of 0.50 Nautical Miles from the vessels.

They are to observe any instructions given on VHF channel 69 and /or 16 by Malta Coastal Station (Malta VTS) and on VHF Channel 12 by Valletta VTS when crossing the channel between Sicily and Malta.

Charts affected: BA 194, 2123, 2124, 2537, 2538 and Int. 301.

Positions referred to WGS 84 DATUM

26th November, 2024

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

**Sejħa għal Senior Manager, Sessjonijiet tal-Qari u l-Irrakkontar tal-Istejjer (full-time), mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu**

*Numru tal-Permess tal-Jobsplus: 952/2024 (it-tieni sejħa)*

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda tilqa' applikazzjonijiet għal Senior Manager, Sessjonijiet tal-Qari u l-Irrakkontar tal-Istejjer (full-time).

L-applikanti għandhom jissodisfaw dawn il-kriterji ta' eliġibbiltà sad-data tal-għeluq:

1. Baċellerat fil-Livell 6 tal-MQF jew ogħla fl-Edukazzjoni JEW f'oqsma oħra relatati mal-istudji tal-iżvilupp uman; U

2. Tal-anqas ħames (5) snin sħaħ esperjenza ta' xogħol fi rwol li jinvolvi kordinazzjoni fl-edukazzjoni*; U

3. It-tkomplija b'suċċess ta' kors fil-metodoloġija tal-irrakkontar tal-istejjer§; U

4. Livell għoli fil-kitba u t-taħdit kemm fil-Malti kif ukoll fl-Ingliż; U

5. Kompetenza għolja f'applikazzjonijiet tat-Teknoloġija tal-Informatika, speċjalment sistemi tal-MS Office, partikularment Word, Access, Excel, u PowerPoint.

*Applikazzjonijiet mingħand kandidati li ma jissodisfawx it-tieni kriterju, ikunu kkunsidrati jekk l-applikanti jkollhom minimu ta' tmien snin sħaħ esperjenza bħala għalliema.

§Applikazzjonijiet mingħand kandidati li ma jissodisfawx it-tielet kriterju jkunu kkunsidrati wkoll, b'kundizzjoni li jekk magħżul/a l-kandidat/a jtemm/ittemm b'suċċess it-taħriġ rilevanti matul l-ewwel sena ta' impjieg.

L-applikanti jridu jippreżentaw evidenza dokumentata tal-esperjenza tax-xogħol tagħhom u tal-inizjattivi fil-litteriżmu, preferibbilment fil-qari animat u/jew fl-irrakkontar tal-istejjer mat-tfal u l-ġenituri/kustodji. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-applikanti bi kwalifiki addizzjonali fil-qari animat u/jew fl-irrakkontar tal-istejjer fil-kuntest tal-litteriżmu bilanċjat.

Aktar dettalji dwar ir-rwol u l-kundizzjonijiet tal-impjieg, jistgħu jinkisbu minn (https://nla.gov.mt/mt/sejhiet) jew permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) jew bin-numru tat-telefown 2598 3325.

Il-kandidati għandhom jibagħtu l-ittra ta' applikazzjoni flimkien ma' informazzjoni dwar il-kwalifiki u l-esperjenzi

NATIONAL LITERACY AGENCY

**Call for full-time Senior Manager, Reading Sessions and Storytelling (full-time), within the National Literacy Agency**

*Jobsplus Permit Number: 952/2024 (second call)*

The National Literacy Agency is seeking to recruit a full-time Senior Manager, Reading Sessions and Storytelling, on an indefinite contract.

Applicants must fulfil the following eligibility criteria by the closing date:

1. A recognised degree at MQF Level 6 or higher in Education OR other areas related to the study of human development; AND

2. A minimum of 5 full years' work experience in a coordinating role in education*; AND

3. Successful completion of a course in storytelling methodology§; AND

4. High proficiency in spoken and written Maltese and English; AND

5. High competency in ICT applications, especially MS Office systems most notably Word, Access, Excel and PowerPoint.

*Applications from candidates who do not satisfy criterion (2) above, will be considered if the applicant has a minimum of eight full years of teaching experience.

§Applications from candidates who do not satisfy criterion (3) will be accepted but the successful candidate will be expected to undertake the relevant training during the first year of employment.

Applicants must present documented evidence of their working experience and must demonstrate experience in literacy initiatives preferably in reading aloud and/or storytelling initiatives with children and parents/caregivers. Due consideration will be given to applicants who have additional qualifications in reading aloud and/or storytelling within a balanced literacy approach.

A detailed job description, including conditions of employment, may be obtained from (https://nla.gov.mt/vacancies) or by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) or by telephone number 2598 3325.

Candidates should submit their letter of application, together with a summary of qualifications and experience

fil-format tal-European Curriculum Vitae, kopja taċ-ċertifikati rilevanti tagħhom, ċertifikat tal-kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija u l-lista tax-xogħol li għamlu tul ħajjithom mill-Jobsplus, permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) jew bil-posta reġistrata lil: Reklutaġġ, L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu, Triq Ġużè Abela Scolaro, Il-Ħamrun HMR 1304, sa mhux aktar tard mill-Erbgħa, 11 ta' Diċembru, 2024, f'nofsinhar.

Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati u kmieni biżżejjed biex jaslu qabel id-data tal-għeluq. L-applikanti jiġu mgħarrfa li tkun waslet l-applikazzjoni fi żmien sebat ijiem. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Is-26 ta' Novembru, 2024

TRANSPORT MALTA

**Avviż lis-Sidien ta' Vetturi li Tneħħew mit-Triq**

Skont ir-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru SL.65.13, Transport Malta qiegħda b'dan l-avviż tippubblika lista ta' vetturi li tneħħew mit-toroq għar-raġuni li marru kontra l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368) u Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, L.S. 368.02 u li ma ttiħdux lura mis-sidien legali tagħhom.

Il-lista tinkludi deskrizzjoni tal-vettura. Dawn il-vetturi qed jiġu miżmuma fil-compound ta' Transport Malta.

Is-sidien rispettivi huma ġentilment mitluba sabiex jieħdu lura l-vettura tagħhom mingħand Transport Malta billi jissottomettu prova li huma s-sidien tal-vettura inkwistjoni filwaqt li għandu jsir il-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni applikabbli, liċenzji, kontravenzjonijiet u miżati amministrattivi oħra li jkunu dovuti.

Vetturi li jibqgħu mhux miġbura u li għalihom ma jsir l-ebda ħlas għal-liċenzji, kontravenzjonijiet, taxxa applikabbli u drittijiet oħra sa 3 ta' Diċembru, 2024, se jiġu rkantati u, jekk mhux mibjugħa, se jiġu meqruda.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb bin-numru tat-telefown 2556 4134 mis-7.30 a.m. sa nofsinhar, jew permezz ta' ittra elettronika lil (auctions.tm@transport.gov.mt).

in a European Curriculum Vitae Format, a copy of their relevant scanned certificates, a valid police conduct certificate and their Jobsplus employment history, by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt)or by registered post to: Recruitment, National Literacy Agency, NCC, Triq Ġużè Abela Scolaro, Ħamrun HMR 1304, by not later than Wednesday, 11th December, 2024, at noon.

Applications by post should be sent by registered mail, allowing sufficient time to ensure delivery by the above deadline. Applications will be acknowledged within three working days. Late applications will not be considered.

26th November, 2024

TRANSPORT MALTA

**Notice to Owners of Vehicles Removed from the Road**

In accordance with the Clamping and Removal of Motor Vehicles and Encumbering Objects Regulations SL.65.13, Transport Malta is hereby publishing a list of vehicles that were removed from the road for being in breach of the Motor Vehicles Registration and Licensing Act (Cap. 368) and the Registration and Licensing of Motor Vehicles Regulations S.L. 368.02 and which have not been retrieved by their lawful owners.

The list includes a description of the removed motor vehicle. The vehicles are currently being stored at Transport Malta's compound.

Respective owners are to retrieve their motor vehicle from Transport Malta upon submission of proof of ownership and upon payment of the applicable registration tax, licences, contraventions and other administration fees that may be due.

Vehicles which are not retrieved and for which any applicable registration tax, licences, contraventions and other fees are not paid by 3rd December, 2024, will be auctioned and, if not sold, will be destroyed.

Further information may be obtained by telephone 2556 4134 from 7.30 a.m. till noon, or by sending an email to (auctions.tm@transport.gov.mt).

| Għamla<br>*Make* | Mudell<br>*Model* | Kulur<br>*Colour* | Nru tar-Reġistrazzjoni/Chassis<br>*Registration/Chassis No.* | Lokalità ta' Tneħħija<br>*Locality of Removal* |
|---|---|---|---|---|
| Liberty | Scooter | Abjad | ZAP49200000001910 | San Ġiljan |
| Iveco | OM | Abjad | 470631VE | Ir-Rabat |

| Għamla<br>*Make* | Mudell<br>*Model* | Kulur<br>*Colour* | Nru tar-Reġistrazzjoni/Chassis<br>*Registration/Chassis No.* | Lokalità ta' Tneħħija<br>*Locality of Removal* |
|---|---|---|---|---|
| AUDI | N/A | Griż | WAUZZZ8P7CA114091 | Il-Gżira |
| Peugeot | 307 | Griż | 83569729 | In-Naxxar |
| Suzuki | Baleno | Griż | GLY198 | L-Imsida |
| Peugeot | 108 | Abjad | SRH312 | Ħal Lija |
| Peugeot | SV80 | Aħmar | BAB279 | Il-Gżira |
| Daihatsu | Move | Griż | EBC198 | Il-Gżira |
| Mercedes | C Class | Ikħal | HBF178 | Il-Gżira |
| Ssangyong | Kyron | Griż | FGV209 | Ħal Tarxien |

Is-26 ta' Novembru, 2024

MALTA BUSINESS REGISTRY

Lista ta' direct orders mogħtija mill-Malta Business Registry matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2024 u t-30 ta' Ġunju, 2024, ippubblikata skont l-Artikolu 111 (2) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (A.L. 352/2016).

Is-26 ta' Novembru, 2024

**Direct Orders**

| Numru ta' Referenza tad-Direct Order<br>*Direct Order Reference Number* | Isem tad-Direct Order/Suġġett tad-Direct Order<br>*Direct Order Name/ Subject of Direct Order* | Data Approvata<br>*Approval Date* | Isem tal-Kuntrattur<br>*Contractor's Name* | Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT €<br>*Contract Value Excl. VAT €* |
|---|---|---|---|---|
| 100/2019/38 | 1 year renewal Cyber and privacy insurance coverage | 31/01/2024 | DUAL Corporate Risks Limited (UW) and Nordic Försäkring & Riskhantering AB (AJG) (Broker) | €22,055.00 |
| 100/2019/38 | 12 month subscription to the Acuris Risk Intelligence database (KYC6) | 08/02/2024 | Acuris Risk Intelligence Ltd) | €34,275.62 |

TECH.MT

Lista ta' direct orders mogħtija minn Tech.mt matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2024 u t-30 ta' Ġunju, 2024, ippubblikata skont l-Artikolu 111 (2) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici (A.L. 352/2016).

Is-26 ta' Novembru, 2024

| Data tal-Approvazzjoni<br>*Approval Date* | Isem tal-Kuntrattur<br>*Contractor's Name* | Nota<br>*Note* | Valur tal-Kuntratt VAT eskluża<br>*Contract Value Excl. VAT* |
|---|---|---|---|
| 10/1/2024 | Connected Intelligence Limited | Participation at Web Summit 2024 | €134,999.00 |

26th November, 2024

MALTA BUSINESS REGISTRY

List of direct orders awarded by the Malta Business Registry during the period between 1st January, 2024 and 30th June, 2024 published in line with Regulation 111 (2) of the Public Procurement Regulations (LN 352/2016).

26th November, 2024

TECH.MT

List of direct orders awarded by Tech.mt during the period between 1st January, 2024 and 30th June, 2024, published in terms of Article 111 (2) of the Public Procurement Regulations (L.N. 352/2016).

26th November, 2024

| Data tal-Approvazzjoni<br>*Approval Date* | Isem tal-Kuntrattur<br>*Contractor's Name* | Nota<br>*Note* | Valur tal-Kuntratt VAT eskluża<br>*Contract Value Excl. VAT* |
|---|---|---|---|
| 23/02/2024 | Dubai World Trade Centre LLC | Approval for Direct Order – Additional Area at GITEX Global 2024 | €21,000.00 |
| 10/4/2024 | MLT | Stand Construction for Dublin Tech Summit 2024 | €45,600.00 |
| 10/4/2024 | MLT | Stand Construction for London Tech Week 2024 | €42,600.00 |

KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA

**Laqgħa Annwali tal-Lokalità**

ll-Kunsill Lokali Ħal Lija jgħarraf illi laqgħa annwali tal-lokalità numru 2 se ssir fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fi 36, Videnza, Triq il-Mitħna, nhar it-Tnejn, 9 ta' Diċembru, 2024, fis-6.30 p.m.

Din il-laqgħa se tkun miftuħa għall-pubbliku.

Aġenda
2.1 Introduzzjoni mis-Sindku;
2.2 Qari tal-minuti tal-aħħar laqgħa tal-lokalità;
2.3 Estimi finanzjarji 2025;
2.4 Mistoqsijiet u suġġerimenti.

Is-26 ta' Novembru, 2024

ĦAL LIJA LOCAL COUNCIL

**Annual Locality Meeting**

The Ħal Lija Local Council notifies that annual locality meeting number 2 will be held at the Administrative Office of the Local Council in 36, Videnza, Triq il-Mitħna, on Monday, 9th December, 2024, at 6.30 p.m.

The meeting will be open to the public.

Agenda
2.1 Mayor Introduction;
2.2 Reading of minutes of the last locality meeting;
2.3 Financial estimates 2025;
2.4 Questions and suggestions.

26th November, 2024

KUNSILL LOKALI L-IMQABBA

**Laqgħa Annwali tal-Lokalità 2024**

Il-Kunsill Lokali l-Imqabba jgħarraf li se ssir il-laqgħa annwali tal-lokalità nhar it-Tnejn, 9 ta' Diċembru, 2024, fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali l-Imqabba, Triq il-Parroċċa, L-Imqabba, fil-5.00 p.m.

Ir-residenti kollha li isimhom jidher fl-aħħar reġistru elettorali tal-lokalità huma mistiedna jattendu.

Matul din il-laqgħa se jiġi ppreżentat il-baġit għas-sena 2025.

Wara, ir-residenti jkollhom iċ-ċans iressqu l-kummenti tagħhom għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill Lokali.

Is-26 ta' Novembru, 2024

MQABBA LOCAL COUNCIL

**Annual Locality Meeting 2024**

The Mqabba Local Council notifies that the annual locality meeting is scheduled for Monday, 9th December, 2024, at the Mqabba Local Council office in Triq il-Parroċċa, l-Imqabba, starting at 5.00 p.m.

All residents listed on the locality's electoral register are invited to attend.

During this meeting the budget for the year 2025 will be presented.

Following this, residents will have the opportunity to share their comments for the consideration of the Local Council.

26th November, 2024

# CENTRAL BANK OF MALTA

## ASSETS AND LIABILITIES AS AT 30 SEPTEMBER 2024

| | € | | € |
|---|---|---|---|
| Gold and gold receivables | 13,771,286 | Banknotes in circulation | 1,857,557,870 |
| Claims on non-euro area residents in fcy | 1,341,191,758 | Liabilities related to monetary policy operations | 5,701,327,158 |
| Claims on euro area residents in fcy | 335,106,010 | Other liabilities on euro area credit institutions in euro | 6,550,638 |
| Claims on non-euro area residents in euro | 1,002,747,197 | Debt certificates issued | - |
| Lending related to monetary policy operations | 7,000,000 | Liabilities to other euro area residents in euro | 2,086,840,964 |
| Other claims on euro area credit institutions in euro | 1,264,080 | Liabilities to non-euro area residents in euro | 34,380,509 |
| Securities of euro area residents in euro | 2,816,630,228 | Liabilities to euro area residents in fcy | 461,753,333 |
| General government debt in euro | - | Liabilities to non-euro area residents in fcy | - |
| Intra-Eurosystem claims | 5,520,049,174 | Counterpart of special drawing rights allocated by the IMF | 311,003,847 |
| Items in course of settlement | 5,614,688 | Intra-Eurosystem liabilities | 519,577,790 |
| Other assets | 524,890,972 | Items in course of settlement | 24,347 |
| | | Other liabilities | 66,432,245 |
| | | Provisions | 89,224,802 |
| | | Revaluation accounts | 44,308,827 |
| | | Capital and reserves | 389,283,063 |
| | **11,568,265,393** | | **11,568,265,393** |

AMY CAMILLERI
HEAD
FINANCIAL CONTROL

MARYANNE ATTARD
CHIEF OFFICER
FINANCIAL CONTROL AND RISK

KUNSILL LOKALI L-MARSA

**Laqgħa Annwali tal-Lokalità**

Il-Kunsill Lokali l-Marsa jgħarraf li nhar it-Tlieta, 10 ta' Diċembru, 2024, fis-6.00 p.m., se ssir il-laqgħa annwali tal-lokalità skont l-Artikolu 70 tal-Att XV tal-1993 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fuq il-Pont ta' San Tumas, Il-Marsa.

Għal din il-laqgħa huma mħeġġa jattendu u jieħdu sehem fid-diskussjonijiet dawk il-persuni kollha li jidhru fir-Reġistru Elettorali għall-Kunsill Lokali l-Marsa. Dawk kollha li jipparteċipaw jistgħu jressqu s-suġġerimenti tagħhom għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill.

Is-26 ta' Novembru, 2024

MARSA LOCAL COUNCIL

**Annual Locality Meeting**

The Marsa Local Council will be holding its annual meeting as provided by Local Councils' Act XV of 1993 Article 70 at the Local Council's Administrative Offices at St Thomas Bridge, Marsa on Tuesday, 10th December, 2024, at 6.00 p.m.

All residents whose name appear in the last Local Council's Electoral Register are urged to attend and to participate in this discussion. All those participating can put forward their suggestions for the Council's consideration.

26th November, 2024

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

**Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Il-Berġa tal-Baviera, il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 5 ta' Diċembru, 2024.**

Avviż Nru 63. Bejgħ tale quale tal-Fond Nru 71, Triq Sant'Anġlu, L-Isla, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2018_0468_B. Din il-proprjetà qed tiġi mibjugħa fl-istat li tinsab fih inkluż xi difetti li jista' jkun hemm moħbija. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €10,360 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mija u ħamsa u tletin elf u disa' mija u ħamsa u tmenin ewro (€135,985) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru 64. Bejgħ tale quale tal-fond Nru 73, Triq Sant'Anġlu, L-Isla, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2023_0361. Din il-proprjetà qed tiġi mibjugħa fl-istat li tinsab fih inkluż xi difetti li jista' jkun hemm moħbija. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €10,789 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mija u tmienja u sebgħin elf u disa' mija u erbatax-il ewro (€178,914) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru 65. Kiri għall-perjodu ta' ħmistax-il (15) sena ta' garaxx f'Nru 108, Triq Dom Mintoff, Bormla, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2023_0515. Din il-proprjetà hija f'kundizzjoni tale quale u hija fl-istat li tinsab fih inklużi xi difetti li jista' jkun hemm moħbija. L-offerti għandhom ikunu

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

**Sealed tenders in respect of the following advertisements are to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 5th December, 2024.**

Advt No. 63. Sale tale quale of the Premises at No. 71, Triq Sant'Anġlu, Senglea, as shown edged in red on plan P.D.2018_0468_B. This property is being sold in its present state including any latent defects. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €10,360 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one hundred and thirty-five thousand and nine hundred and eighty-five euro (€135,985) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 64. Sale tale quale of the premises at No. 73, Triq Sant'Anġlu, Senglea, as shown edged in red on plan P.D.2023_0361. This property is being sold in its present state including any latent defects. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €10,789 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one hundred and seventy-eight thousand and nine hundred and forteen euro (€178,914) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 65. Lease for a period of fifteen (15) years of a garage at No. 108 Triq Dom Mintoff, Cospicua, as shown edged in red on the plan P.D. 2023_0515. This property's condition is tale quale, in its present state including any latent defects.Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an

akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €12,000 hekk kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erbat elef ewro (€4,000) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru 66. Bejgħ tale quale ta' sit fuq in-naħa ta' wara tal-fond 'Morning Star', Triq Ġanni Vassallo, Ir-Rabat,Għawdex, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2022_0416. Dan is-sit huwa mdawwar minn proprjetajiet ta' terzi (landlocked). L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €10,900 hekk kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mija u ħamsa u erbgħin elf u ħames mija u erbgħa u sittin ewro (€145,564) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru 67. Għotja b'ċens perpetwu revedibbli ta' sit tale quale fi Triq il-Brolli, Birżebbuġa, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2022_0296_B. Min jirbaħ l-offerta għandu ċans sabiex jifdi dan iċ-ċens matul l-ewwel ħmistax-il (15) sena wara reviżjoni skont ir-rata tal-inflazzjoni kif hemm spjegat bid-dettall fuq il-kundizzjonijiet taċ-ċens. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €50,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' disgħa u għoxrin elf u seba' mija u sebgħin ewro (€29,770) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn L-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet bil-card bankarja tal-preferenza tiegħek.

Is-26 ta' Novembru, 2024

KUNSILL GĦAD-DRITTIJIET TA' PERSUNI B'DIŻABBILTÀ

Il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà (CRPD) tgħarraf li:

amount of €12,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of four thousand euro (€4,000) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 66. Sale tale quale of a site at the back of the premises at 'Morning Star', Triq Ganni Vassallo, Victoria, Gozo, as shown edged in red on the plan P.D.2022_0416. This site is landlocked. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €10,900 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one hundred and forty-five thousand and five hundred and sixty-four euro (€145,564) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 67. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of the site tale quale at Triq il-Brolli, Birżebbuġa, as shown edged in red on the plan P.D.2022_0296_B. The winning bidder has the chance to redeem this emphyteusis within the first fifteen (15) years after a revision according to the rate of inflation as explained in detail in the emphyteutical conditions. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €50,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of twenty-nine thousand and seven hundred and seventy euro (€29,770) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

These advertisements are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website by using your preferred banking card.

26th November, 2024

COUNCIL FOR THE RIGHTS OF PERSONS WITH DISABILITY

The Commission for the Rights of Persons with Disability (CRPD) notifies that:

**Sal-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, 18 ta' Diċembru, 2024 jintlaqgħu offerti magħluqin għal:**

Avviż Nru CRPD/RFP/0124. Proposta għal servizzi legali għas-CRPD

Dokumenti relatati ma' din is-sejħa jistgħu jinkisbu mis-segretarjat tas-CRPD f'dan l-indirizz:

CRPD
G5 Offices
Triq Salvu Psaila
Birkirkara BKR 9077

jew permezz ta' ittra elettronika lil (procurement@crpd.org.mt).

L-applikazzjonijiet għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti fl-indirizz imsemmi hawn fuq.

Is-26 ta' Novembru, 2024

MALTA INTERNATIONAL CONTEMPORARY ART SPACE

**Espressjoni ta' Interess**

MICAS tgħarraf illi:

**Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Jannar, 2025, MICAS se tilqa' sottomissjonijiet għal:**

EOI Nru MICAS/EOI/16/2024. Espressjoni ta' Interess għal artiġjana biex ibigħu l-prodotti tagħhom fil-ħanut tar-rigali tal-MICAS.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sit tal-MICAS (https://micas.art/get-involved) jew permezz ta' ittra elettronika lil (people@micas.art).

Is-26 ta' Novembru, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

**Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Erbgħa, 27 ta' Novembru, 2024.**

ERU2111U24 – Medicinal
ERU2111U24 – Devices
ERU2111U24A – Medicinal
ERU2111U24B – Medicinal
ERU2111U24C – Medicinal
ERU2111U24D – Medicinal

**Sealed offers will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 18th December, 2024:**

Advt No. CRPD/RFP/0124. Proposal for legal services for CRPD

Documents can be obtained from CRPD's secretariat on this address:

CRPD
G5 Offices
Triq Salvu Psaila
Birkirkara BKR 9077

or by email to (procurement@crpd.org.mt).

Applications should be deposited in the offers box at the abovementioned address.

26th November, 2024

MALTA INTERNATIONAL CONTEMPORARY ART SPACE

**Expression of Interest**

MICAS notifies that:

**Submissions for the following will be received at MICAS, by 10.00 a.m. of Friday, 17th January, 2025, for:**

EOI No. MICAS/EOI/16/2024. Expression of Interest for artisans to sell their products in the MICAS gift shop.

More information can be obtained from the website of MICAS (https://micas.art/get-involved) or via email to (people@micas.art).

26th November, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

**The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 27th November, 2024.**

ERU2111U24 – Medicinal
ERU2111U24 – Devices
ERU2111U24A – Medicinal
ERU2111U24B – Medicinal
ERU2111U24C – Medicinal
ERU2111U24D – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

Is-26 ta' Novembru, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

**Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 28 ta' Novembru, 2024.**

ERU2211U24 – Devices
ERU2211U24 – Medicinal
ERU2211U24A – Devices
ERU2211U24B – Medicinal
ERU2211U24C – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

Is-26 ta' Novembru, 2024

CENTRAL PROCUREMENT U SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi:

**Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tal-Tlieta, 17 ta' December, 2024. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għall-provvista ta':**

CFT 021-4211/024. Phenobarbital 30mg tablets
CFT 021-4212/024. Praziquantek 500 mg-600 mg tablets/capsules
CFT 021-4213/024. Rifampicin 100mg/5ml oral suspension
CFT 021-4214/024. Ceftazidime Avibactam vials
CFT 021-4215/024. Dextrose 5% in sodium chloride 0.9% x 500 ml IV infusion fluid
CFT 021-4216/024. Ropinirole hydrochloride 0.25 mg tablets
CFT 021-4217/024. Hydroxocobalamin (Vitamin B12) Injection (Cobalin-H® or equivalent)
CFT 021-4218/024. Sucralfate 1g/5mL oral suspension

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

26th November, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

**The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Thursday, 28th November, 2024.**

ERU2211U24 – Devices
ERU2211U24 – Medicinal
ERU2211U24A – Devices
ERU2211U24B – Medicinal
ERU2211U24C – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

26th November, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministry for Health and Active Ageing, notifies that:

**Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Tuesday, 17th December, 2024. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for the supply of:**

CFT 021-4211/024. Phenobarbital 30mg tablets
CFT 021-4212/024. Praziquantek 500 mg-600 mg tablets/capsules
CFT 021-4213/024. Rifampicin 100mg/5ml oral suspension
CFT 021-4214/024. Ceftazidime Avibactam vials
CFT 021-4215/024. Dextrose 5% in sodium chloride 0.9% x 500 ml IV infusion fluid
CFT 021-4216/024. Ropinirole hydrochloride 0.25 mg tablets
CFT 021-4217/024. Hydroxocobalamin (Vitamin B12) Injection (Cobalin-H® or equivalent)
CFT 021-4218/024. Sucralfate 1g/5mL oral suspension

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQs tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

Is-26 ta' Novembru, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

These tender documents are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

26th November, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

B'referenza għal CFT009-4173/24. Provvista ta' 'automated microplate reader and washer system' b'impatt ambjentali ridott għad-Dipartiment tal-Patoloġija fl-Isptar Mater Dei ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-Tlieta, 15 ta' Novembru, 2024, id-data tal-għeluq ġiet estiża għat-Tlieta, 17 ta' Diċembru, 2024.

Is-26 ta' Novembru, 2024

With reference to CFT009-4173/24. Supply of automated microplate reader and washer system with reduced environmental impact for the Pathology Department at Mater Dei Hospital published in the Government Gazette of Tuesday, 15th November, 2024, the closing date has been extended till Tuesday, 17th December, 2024.

26th November, 2024

KUNSILL LOKALI L-IMQABBA

**Sejħa Pubblika għal Kwotazzjoni**

*MLC/Q/40/05/2024*

MQABBA LOCAL COUNCIL

**Public Call for Quotation**

*MLC/Q/40/05/2024*

Il-Kunsill Lokali l-Imqabba qed jitlob stimi, inkluża l-VAT, għall-provvista u l-installazzjoni ta' apparat għal mal-funtana eżistenti fil-Ġnien tal-Mentna fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti, l-Imqabba:

Pompa – biex tiġbed l-ilma mill-ġiebja biex timla l-funtana;

Timer – biex il-pompa tixgħel b'mod awtomatiku;

Float switch u dawl ta' indikazzjoni – biex jiġu installati barra mill-kamra tal-pompa sabiex jindikaw meta l-livelli tal-ilma fil-ġiebja jkunu baxxi;

Fittings u xogħol – għall-installazzjoni kompluta tal-komponenti msemmija hawn fuq.

Kwotazzjonijiet dettaljati jistgħu jintbagħtu lill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali l-Imqabba permezz ta' ittra elettronika, bil-posta postali, jew personalment, sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, 3 ta' Diċembru 2024.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta anke l-aktar offerta vantaġġjuża.

The Mqabba Local Council is seeking a quotation, inclusive of VAT, for the supply and installation of the following equipment to support a water feature situated in Ġnien tal-Mentna, Pjazza Ġublew tad-Djamanti, Mqabba:

Pump – to draw water from the reservoir to top up the pond;

Timer – to enable the automatic start of the pump;

Float switch and indicator light – to be installed outside the pump room to alert when water levels in the reservoir are low;

Fittings and labour – for the complete installation of the above components.

Itemised quotations can be submitted to the Mqabba Local Council office via email, postal mail, or in person until noon on Tuesday, 3rd December, 2024.

The Council reserves the right of refusing even the most advantageous offer.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill bin-numru tat-telefown 2168 0622, jew permezz ta' ittra elettronika lil (mqabba.lc@gov.mt).

Is-26 ta' Novembru, 2024

KUNSILL LOKALI Ħ'ATTARD

Il-Kunsill Lokali Ħ'Attard jgħarraf illi:

**Offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Ħ'Attard permezz tal-ePPS sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Diċembru, 2024, għal:**

Avviż Nru ALC02/2024. Provvista u manutenzjoni ta' sinjali tat-traffiku u marki tat-toroq li jimmassimizzaw il-lifespan waqt li jimminizzaw l-impatti ambjenti assoċjati.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Is-26 ta' Novembru, 2024

Further details may be obtained from the Executive Secretary by telephone number 2168 0622, or by email to (mqabba.lc@gov.mt).

26th November, 2024

Ħ'ATTARD LOCAL COUNCIL

The Ħ'Attard Local Council notifies that:

**Tenders will be received at the Ħ'Attard Local Council through ePPS, up to 11.00 a.m. on Friday, 20th December, 2024, for:**

Advt No. ALC02/2024. Provision and maintenance of traffic signs and road markings which maximise the lifespan whilst minimising associated environmental impacts.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the e-tenders website on (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

26th November, 2024

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2756

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fil-11 ta' Ottubru, 2023 fuq talba ta' Moira sive Moyra Cortis née Attard et ġie ordnat biex jintagħżlu kuraturi deputati sabiex jippreżentaw lil Calcedonio Ciantar, Giuseppe Vella, Giovanni Vella, Antonio Vella u Don Domenico Hyzler jew is-suċċessuri tagħhom jew direttarji u subdirettarji oħra li ma' humiex magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru 2135/2023 fl-ismijiet Moira sive Moyra Cortis née Attard et vs kuraturi deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti:

Permezz ta' ċedola ta' depositu u kontestwali fidi ta' ċens u subċens numru 2135/2023 fl-ismijiet Moira sive Moyra Cortis née Attard, miżżewġa, bint Benedetto sive Benedict Attard u Teresa Attard née Pace, imwielda Tal-Pietà, Malta fit-8 ta' Novembru, 1974 u toqgħod Birkirkara ta' 40 Tumas

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 11th October, 2023, following a request by Moira sive Moyra Cortis et vs deputy curators to represent Calcedonio Ciantar, Giuseppe Vella, Giovanni Vella, Antonio Vella and Don Domenico Hyzler or their successors or other unknown direct owners and sub direct owners in the records of the schedule of deposit number 2135/2023 in the names Moira sive Moyra Cortis et vs deputy curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent and sub groundrent, number 2135/2023 in the names of Moira sive Moyra Cortis née Attard, married, daughter of Benedetto sive Benedict Attard and Teresa Attard née Pace, born in Tal-Pietà, Malta on the 8th Novembe,

Fenech Street, (KI 5443974M) u Anton Cortis, miżżewweġ lill-imsemmija Moira Cortis, iben Eucharistico Salvatore Cortis u Catherine née Borg, imwieled fis-7 ta' Lulju, 1972 u joqgħod Birkirkara (KI 301272M) għal kull interess li jista' jkollu vs kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-suċċessuri jew aventi kawża mhux magħrufa ta' Calcedonio Ciantar, Giuseppe Vella, Giovanni Vella, Antonio Vella u Don Domenico Hyzler jew direttarji u subdirettarji oħra mhux magħrufa, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Ottubru, 2023 fejn Moira sive Moyra Cortis et esponiet bir-rispett:

Illi l-esponenti Moyra Cortis hija proprjetàrja tal-fond bin-numru uffiċjali tnejn u erbgħin u erbgħa u erbgħin (42/44), ġja bin-numru 22 u 23, fi Triq l-Iskola, il-Marsa, u bid-drittijiet u pertinenzi tiegħu kollha, liema proprjetà ġiet akkwistata mill-esponenti permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni mingħand ommha Teresa Attard fl-atti tan-Nutar George sive Jurgen Galea tas-26 ta' April, 2021 (site plan annessa Dok A u kuntratt ta' akkwist anness Dok B).

Illi l-fond ineżami jikkonsisti minn żewġ fondi li ġew annessi flimkien u li kienu ġew akkwistati mill-imsemmija Teresa Attard in forża ta' żewġ atti ta' diviżjoni, wieħed ippubblikat min-Nutar George Cassar fil-31 ta' Mejju, 1967 in segwitu għall-mewt ta' Antonio Pace u l-ieħor ippubblikat mill-istess Nutar George Cassar fis-16 ta' Mejju, 1989 in segwitu għal-mewt ta' Angolina Pace;

Illi skont l-imsemmi att ta' diviżjoni tal-1989 jirriżulta li l-fond numru 22, illum 42, bl-isem George, Triq l-iskola, il-Marsa huwa soġġett għar-rata tiegħu ta' ċens perpetwu ta' Lm0.87c7m (€2.04), rata minn ċens ta' Lm2.12c9m fis-sena, kif ukoll għal Lm0.12c5m (€0.29) fis-sena rata miċ-ċens ta' Lm0.37c9m fis-sena, u bid-dritt li jdaħħal Lm0.25c) mill-awment ta' ċens perpetwu impost fuq il-fond adjaċenti "Miriam";

Illi, mill-bqija, skont l-att ta' diviżjoni tal-1967 jirriżulta li l-fond numru 23, illum 44, bl-isem Doris, Triq l-Iskola, il-Marsa huwa soġġett għar-rata tiegħu ta' ċens perpetwu ta' sbatax-il xelin, sitt soldi u sitt ħabbiet (17s6 1/2 d) (€2.04), rata miċ-ċens ta' żewġ liri, żewġ xelini u 7 soldi – Lm2.12c9m) fis-sena, kif ukoll għal żewġ xelini u sitt soldi - Lm0.12c5m (€0.29) fis-sena rata miċ-ċens ta' seba xelini u nofs - Lm0.37c5m fis-sena, u bid-dritt li jdaħħal Lm0.25c mill-awment ta' ċens perpetwu impost fuq il-fond adjaċenti "Miriam";

Illi jirriżulta li l-imsemmi fondi kienu nbnew minn missier Teresa Attard, Antonio Pace in segwitu għall-konċessjoni subenfitewtika mogħtija lilu minn Calcedonio Ciantar fl-atti tan-Nutar Ettore Francesco Vassallo tal-10

1974 and residing in Birkirkara at 40 Tumas Fenech Street, (ID 5443974M) and Anton Cortis, married to the said Moira Cortis, son of Eucharistico Salvatore Cortis and Catherine née Borg, born on the 7th July, 1972 and residing in Birkirkara (ID 301272M) for any interest he may have vs deputy curators to represent the unknown successors in title of Calcedonio Ciantar, Giuseppe Vella, Giovanni Vella, Antonio Vella and Don Domenico Hyzler or unknown other direct owners and sub direct owners, filed in the First Hall of the Civil Court on the 5th October, 2023 the applicant Moira sive Moyra Cortis respectfully submitted:

That the applicant Moyra Cortis is the owner of the premises with official number forty two and forty four (42/44), previously with number 22 and 23, in Triq l-Iskola, Marsa, and with all its rights and appurtenances, which property was acquired by the applicant by means of a contract of donation from her mother Teresa Attard in the records of Notary George sive Jurgen Galea of the 26th April, 2021 (site plan attached Doc A and contract of acquisition attached Doc B).

That the premises in question consists of two premises which were joined together and which were acquired by the said Teresa Attard in virtue of two deeds of division, one published by Notary George Cassar on the 31st May, 1967 following the death of Antonio Pace and the other published by the same Notary George Cassar on the 16th May, 1989 following the death of Angolina Pace;

That according to the deed of partition of 1989 it results that the premises numbered 22, today 42 with the name George, Triq l-Iskola, Marsa, is subject to the rate of perpetual groundrent of Lm0.87c7m (€2.04), this being a rate from groundrent of Lm2.12c9m per year, together with Lm0.12c5m (€0.29) per year this beng a rate from a groundrent of Lm0.37c9 per year and with the right to receive Lm0.25c) from the increase of the perpetual groundrent imposed on the adjacent premises "Miriam";

That, as for the rest, according to the deed of partition of 1967 it results that the premises numbered 23, today 44, with the name Doris, Triq l-Iskola, Marsa is subject to its rate of perpetual groundrent of seventeen shillings, six pennies and six grains (17s6 1/2 D) (€2.04), rate from the groundrent of two liri, two shillings and 7 pence - Lm2.12c9m) per annum, as well as for two shillings and six pence - Lm0.12c5m (€0.29) per annum rate from the groundrent of seven and a half shillings - Lm0.37c5m per annum, and with the right to receive Lm0.25c from the increase of perpetual groundrent imposed on the adjacent premises "Miriam";

That it results that the said premises were built by Teresa Attard's father Antonio Pace following the sub-emphyteutical concession given to him by Calcedonio Ciantar in the records of Notary Ettore Francesco Vassallo of the 10th February,

ta' Frar, 1937, li allura nbnew fuq parti minn art ikbar li komplessivament kienet tal-kejl ta' ċirka 66.3 qasab kwadri u li komplessivament kienet soġġetta għas-subċens globali ta' 8 liri, 2 soldi u 9 ħabbiet kalkolati biż-żewġ xelini u ħames soldi (Lm0.12c) l-qasba kwadra bl-obbligu tal-ħlas tal-lawdemju ma' kull trasferiment; Illi allura ċ-ċens imsemmi fiż-żewġ paragrafi preċedenti ta' €0.29c fis-sena fuq kull fond inkwistjoni jirrappreżenta l-awment fis-subċens naxxenti mill-imsemmi att tal-1937 u pagabbli lil Calcedonio Ciantar jew l-aventi kawża tiegħu;

Illi min-naħa tiegħu, Calcedonio Ciantar kien akkwista l-imsemmi sit b 'subenfitewsi mingħand Giuseppe, Giovanni u Antonio Vella bħala parti minn 2 porzjonijiet ikbar tal-kejl komplessiv, waħda ta' 47 ½ qasab kwadri u l-oħra ta' 105 qasab kwadri u veru s-subċens ta' ħmistax il-lira sterlina u ħames xelini, ikkalkolati bir-rata ta' żewġ xelini l-qasba kwadra, li jikkomprendi ċ-ċens oriġinali u dan in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Emanuele Agius tal-1 ta' Frar, 1936; Illi allura ċ-ċens imsemmi fiż-żewġ paragrafi preċedenti ta' €2.04c fis-sena limitatament għall-fondi inkwistjoni jirrappreżenta s-subċens naxxenti mill-imsemmi att tal-1936 u pagabbli lil Giuseppe, Giovanni u Antonio Vella jew l-aventi kawża tagħhom u jikkomprendi fih iċ-ċens oriġinali pagabbli lil Don Domenico Hyzler jew l-aventi kawża tiegħu kif indikat hawn taħt;

Illi L-imsemmi Giuseppe, Giovanni u Antonio Vella ġew rilaxxati lilhom il-proprjetà mingħand Emanuele Sultana li min-naħa tiegħu kien akkwista mingħand Concetta Scicluna, it-tnejn b'atti tan-Nutar Angelo Cachia wieħed tat-13 ta' Awwissu, 1928 u l-ieħor tal-24 ta' Marzu, 1927 ; Min-naħa tagħha, lil Concetta Scicluna din il-proprjetà kienet ġiet lilha b'diviżjoni wara mewt il-ġenituri tagħha Giuseppa u Antonio Zammit u dan b'att tan-Nutar Enrico Saydon tal-24 ta' Lulju, 1926;

Illi l-konċessjoni oriġinali kienet ingħatat riferibbli għal art ikbar fl-atti tan-Nutar Alfio Vella tal-5 ta' Ottubru, 1897, kif sussegwentement ipprorogata għal waħda permanenti permezz ta' att tat-8 ta' Novembru, 1904 fl-atti tan-Nutar Giuseppe Pace, minn Don Domenico Hyzler lil Giorgio Camilleri u sussegwentement ipprorogat lil ibnu Eduardo Camilleri, u dan versu l-canone komplessiv ta' tlieta u għoxrin lira Maltija (LM 23 – €53.56c);

Illi stante t-trasferiment li seħħ minn Concetta Scicluna lil Emanuele Sultana fl-1927 u s-sussegwenti rivendizzjoni lil Giuseppe, Giovanni u Antonio Vella fl-1928, u kif ukoll it-trasferiment mill-imsemmija Giuseppe, Giovanni u Antonio Vella lil Calcedonio Ciantar fl-1936 u t-trasferiment minn Calcedonio Ciantar lil Antonio Pace fl-1937, jirriżulta li huma dovuti erba' (4) lawdemji ta' sena ċens fuq iż-żewġ fondi (€4.08c x 4), u allura total ta' €16.32c pagabbli lil Don Domenico Hyzler jew l-aventi kawża tiegħu;

1937, that thus they were built on part of a larger land which together was of the area of circa 66.3 square canes and which was subject to the global subgroundrent of 8 liri, 2 pennies and 9 grains calculated at the rate of two shillings and five pence (Lm0.12c) per square cane with the obligation to pay the laudemium upon each transfer; That thus the groundrent mentioned in the two preceding paragraphs of €0.29c per year on each premises in question represents the increase in the subgroundrent resulting from the said deed of 1937 and payable to Calcedonio Ciantar or his successors in title;

That on his part Calcedonio Ciantar had acquired the said site by subemphyteusis from Giuseppe, Giovanni and Antonio Vella as part of 2 larger portions of the overall measurement, one of 47 ½ square canes and the other of 105 square canes and the subgroundrent of fifteen pounds sterling and five shillings, calculated at the rate of two shillings per square cane, to include the original groundrent and this in virtue of a contract in the records of Notary Emanuele Agius of the 1st February, 1936; That thus the groundrent mentioned in the two preceding paragraphs of €2.04c per year limitedly to the premises in question represents the subgroundrent resulting from the said deed of 1936 and payable to Giuseppe, Giovanni and Antonio Vella or their successors in title and comprises therein the original groundrent payable to Don Domenico Hyzler or his successors in title as indicated hereunder;

That the said Giuseppe, Giovanni and Antonio Vella were released to them the property from Emanuele Sultana which in turn he had acquired from Concetta Scicluna, both by deeds of Notary Angelo Cachia one of the 13th August, 1928 and the other of the 24th March, 1927; On her part, this property was transferred to Concetta Scicluna through a division after the death of her parents Giuseppa and Antonio Zammit and this by a deed of Notary Enrico Saydon of the 24th July, 1926;

That the original concession was given in relation to a larger piece of land in the records of Notary Alfio Vella of the 5th October, 1897, as subsequently extended to a permanent one by means of a deed of the 8th November, 1904 in the records of Notary Giuseppe Pace, by Don Domenico Hyzler to Giorgio Camilleri and subsequently extended his son Eduardo Camilleri, and this towards the total ground rent of twenty three Maltese liri (LM 23 – €53.56c);

That due to the transfer which took place from Concetta Scicluna to Emanuele Sultana in 1927 and the subsequent resale to Giuseppe, Giovanni and Antonio Vella in 1928, as well as the transfer from the said Giuseppe, Giovanni and Antonio Vella to Calcedonio Ciantar in 1936 and the transfer from Calcedonio Ciantar to Antonio Pace in 1937, it results that four (4) laudemia each equivalent to one year's groundrent are due on both premises (€4.08c x 4), and thus a total of €16.32c payable to Don Domenico Hyzler or his successors in title;

Illi l-esponenti qegħdin iżidu u jiddepożitaw ukoll l-arretrati tal-aħħar ħames snin ċens fuq iż-żewġ fondi ammontanti għal EUR 23.30c;

Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakoltà li jagħtihom l-Artikolu 1501 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk jifdu l-imsemmi ċens u subċens ta' :

- Ċens ta' €2.04c fuq il-fond 42, Triq l-Iskola, il-Marsa pagabbli lill-intimati Giuseppe, Giovanni u Antonio Vella jew l-aventi kawża tagħhom u jikkomprendi fih iċ-ċens oriġinali pagabbli lil Don Domenico Hyzler jew l-aventi kawża tiegħu ;

- Ċens ta' €2.04c fuq il-fond 44, Triq l-Iskola, il-Marsa pagabbli lill-intimati Giuseppe, Giovanni u Antonio Vella jew l-aventi kawża tagħhom u jikkomprendi fih iċ-ċens oriġinali pagabbli lil Don Domenico Hyzler jew l-aventi kawża tiegħu ;

- SubĊens ta' €0.29c fuq il-fond 42, Triq l-Iskola, il-Marsa pagabbli lill-intimat Calcedonio Ciantar jew l-aventi kawża tiegħu ;

- SubĊens ta' €0.29c fuq il-fond 44, Triq l-Iskola, il-Marsa pagabbli lill-intimat Calcedonio Ciantar jew l-aventi kawża tiegħu ;

Illi l-imsemmi ċens u subċens globali ta' erba Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€4.66c) imposti fuq iż-żewġ fondi inkwistjoni kkapitalizzati bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) jammonta għal tlieta u disgħin Ewro u għoxrin ċenteżmu (€ 93.20c);

Illi l-proprjetàjiet inkwistjoni ma humiex ir-residenza ordinarja tal-esponenti;

Għaldaqstant, l-esponenti jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha jiddepożitaw is-somma globali ta' mija u tnejn u tletin Ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€132.82c) sabiex iħallsu l-imsemmija lawdemji ta' €16.32c, l-imsemmija arretrati ta' €23.30c, u jifdu l-imsemmi ċens u subċens bis-somma kapitalizzata ta' €93.20c kif fuq dettaljat b'dan li l-istess ammonti jkunu jistgħu jiġu liberament żbankati mill-intimati kontra r-rilaxx tad-debita riċevuta skond il-liġi.

Esponenti: 40, Salcaton, Tumas Fenech Street, Birkirkara.

Notifika: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Identity Malta 34, Archbishop Street, il-Belt Valletta.

Kuraturi deputati.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan

That the applicants are also increasing and depositing the arrears of the last five years' groundrent on both premises amounting to EUR 23.30c;

That the applicants wish to avail themselves of the option given to them by Article 1501 of Chapter 16 of the Laws of Malta and thus redeem the said groundrent and subgroundrent of:

- groundrent of €2.04c on the premises 42, School Street, Marsa payable to the respondents Giuseppe, Giovanni and Antonio Vella or their successors in title and includes therein the original groundrent payable to Don Domenico Hyzler or his successors in title;

- groundrent of €2.04c on the premises 44, School Street, Marsa payable to the respondents Giuseppe, Giovanni and Antonio Vella or their successors in title and includes therein the original groundrent payable to Don Domenico Hyzler or his successors in title;

- subgroundrent of €0.29c on the premises 42, School Street, Marsa payable to the respondent Calcedonio Ciantar or his successors in title;

- subgroundrent of €0.29c on the premises 44, School Street, Marsa payable to the respondent Calcedonio Ciantar or his successors in title;

That the said global groundrent and subgroundrent of four Euro and sixty six cents (€4.66c) imposed on the two premises in question capitalised at the rate of five per cent (5%) amounts to ninety three Euro and twenty cents (€93.20 C);

That the properties in question are not the ordinary residence of the applicant;

Thus, the applicants call upon this Honourable Court and under its authority deposit the global sum of one hundred and thirty two Euro and eighty two cents (€132.82c) to pay the said laudemia of €16.32c, the said arrears of €23.30c, and redeem the said groundrent and subgroundrent at the capitalised sum of €93.20c as above detailed provided that the same amounts can be freely withdrawn from the respondents against the release of the due receipt according to law.

Applicant: 40, Salcaton, Tumas Fenech Street, Birkirkara.

Notification: Director Public Registry, Identity Maltwa, 34, Archbishop Street, Valletta

deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon

lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor Imħallef Joanne Vella Cuschieri LL.D., Duttur tal-Liġi.

Illum, 11 ta' Ottubru, 2023.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 21 ta' Novembru, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati Ċivili u Tribunali.

whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Joanne Vella Cuschieri LL.D. Doctor of Laws.

Today, 11th October, 2023

Registry of the Superior Courts, today, 21st November, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2757

Permezz ta' digriet mogħti fl-24 ta' Awwissu, 2023, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1936/2023, fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. vs Daniel Ellul Sullivan et, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Daniel Ellul Sullivan a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kap 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum, 10 ta' Mejju, 2023

Lil Daniel Ellul Sullivan (KI 45671M) ta' The Penthouse, Elgin Court, Sqaq is-Sigra, San Ġiljan u

B'digriet tad-29 ta' Mejju, 2023 Dr Joseph P Bonnici u l-PL Peter Sammut ġew nominati kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill Faith Ellul Sullivan (KI 37545A).

Permezz tal-preżenti s-soċjetà HSBC Bank Malta plc (C3177) ta' 32, Merchants Street, Valletta.

Tinterpellakom sabiex fi żmien jumejn minn meta tirċievu din l-ittra intom tħallsu s-somma ta' €14,795.32 rappreżentanti in kwantu għas-somma ta' €10,312.13 bħala kapital u in kwantu għas-somma ta' €4,483.19 bħala imgħaxijiet li ddekkorrew fuq il-kapital sal-21 ta' April, 2023, liema somma hija dovuta fuq il-kont bin-numru 006-238406-300, liema somma ġiet debitament mogħtija lilkom fuq faċilità ta' Personal Loan, mill-bank mittent u accettat minnkom, oltre l-imgħax mit-22 ta' April, 2023 sad-data ta'

By means of a decree of the 24th August, 2023, in the records of the judicial letter number 1936/2023, in the names HSBC Bank Malta p.l.c. vs Daniel Ellul Sullivan et, the First Hall of the Civil Courts ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent Daniel Ellul Sullivan in terms of Article 187(3) et seq of Chapter 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today, 10th May, 2023

To Daniel Ellul Sullivan (ID 45671M) of The Penthouse, Elgin Court, Sqaq is-Sigra, San Ġiljan and

By means of a decree of the 29th May, 2023 Dr Joseph P Bonnici and LP Peter Sammut were nominated deputy curators to represent Faith Ellul Sullivan (ID 37545A).

By means of this present, HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177) of 32, Merchants Street, Valletta

Calls upon you so that within two days from when you receive this letter you pay the amount of €14,795.32 representing as for the amount of €10,312.13 as the capital sum and as for €4,483.19 as the interest accrued on the capital till the 21st April, 2023, which amount is due on the account number 006-238406-300, which amount was duly given to you by the Personal Loan facility by the interpellant Bank and accepted by you besides the interest from the 22nd April, 2023 till the date of this letter, together with further

din l-ittra, flimkien mal-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq is-somma kapitali mid-data ta' din l-ittra sad-data tal-pagament effettiv, liema somma intom għalkemm repetutament interpellati biex tħallsu inqastu milli tagħmlu dan/u;

Tinterpellakom sabiex fi żmien jumejn minn meta tirċievu din l-ittra intom tħallsu s-somma ta' €14,720.04 rappreżentanti in kwantu għas-somma ta' €9,911.86 bħala kapital u in kwantu għas-somma ta' €4,808.18 bħala imgħaxijiet li ddekkorrew fuq il-kapital sal-21 ta' April , 2023, liema somma hija dovuta fuq il-kont bin-numru 023-185457-300, liema somma ġiet debitament mogħtija lilkom fuq faċilità ta' Personal Loan mill-bank mittent u accettat minnkom oltre l-imgħax mit-22 ta' April, 2023 sad-data ta' din l-ittra, flimkien mal-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq is-somma kapitali mid-data ta' din l-ittra sad-data tal-pagament effettiv, liema somma intom għalkemm repetutament interpellati biex tħallsu inqastu milli tagħmel dan.

Tinfurmakom li jekk tonqsu milli tħallsu l-arretrati kollha fi żmien ħmistax-il jum mid-data tan-notifika ta' din l-ittra, il-bilanċ intier tas-self isir kollu dovut f'daqqa oltre imgħaxijiet legali bir-rata ta' 8% fis-sena sad-data tal-effettiv pagament.

Sabiex jigu evitati spejjeż inutili tal-Qorti, jekk il-ħlas tad-dejn fiż-żmien hawn fuq indikat ma' huwiex possibbli u teħtieġu żmien itwal għall-ħlas b'rata mensili, intom tistgħu tammettu d-dejn tagħkom mal-Bank permezz ta' att notarili. F'dan il-każ intom mitluba illi fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta tirċievu din l-ittra tavzaw lill-Bank u tqabbdu Nutar.

Din l-ittra sservi ukoll biex tinterrompi l-preskrizjoni u għalhekk hija rikjesta mill-liġi ai termini tal-Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fin-nuqqas jittieħdu passi ulterjuri bil-Qorti kontra tagħkom mingħajr ebda pre-avviż ieħor.

Tant biex tagħrfu tirregolaw ruħkom.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 21 ta' Novembru, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

legal interest on the capital from the date of this letter till the date of effective payment, which amount although repeatedly solicited you remained in default of payment; and

Calls upon you so that within two days from when you receive this letter you pay the amount of €14,720.04 representing as for the amount of €9,911.86 as the capital sum and as for €4,808.18 as the interest accrued on the capital till the 21st April 2023, which amount is due on the account number 023-185457-300, which amount was duly given to you by the Personal Loan facility by the interpellant Bank and accepted by you besides the interest from the 22nd April, 2023 till the date of this letter, together with further legal interest on the capital from the date of this letter till the date of effective payment, which amount although repeatedly solicited you remained in default of payment.

Informs you that if you fail to pay all the arrears due within fifteen days from the date of notification of this letter, the entire balance of the loan becomes due all at once besides the legal interest at the rate of 8% per annum until the date of effective payment.

To avoid useless Court fees, if the payment of the loan is not possible in the time given and you need more time to pay by monthly installments, you can admit your debt towards the Bank by means of a notorial act. In this case you are requested so that within fifteen days from when you receive this letter you inform the Bank and engage a Notary.

This letter is being filed as well to interrupt prescription and as such is required by law in terms of article 2128 of the Civil Code (Cap. 16 of the Laws of Malta).

In default further procedures will be taken against at Court without further notice.

So much so that you may know how to regulate yourselves.

With costs.

Registry of the Superior Courts today, 21st November, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2758

Permezz ta' digriet mogħti fl-4 ta' Ġunju, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 107/2022, fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. vs Tolga Karabas Bhadir, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika

By means of a decree of the 4th June, 2024, in the records of the judicial letter number 107/2022, in the names HSBC Bank Malta p.l.c. vs Tolga Karabas Bhadir, the First Hall of the Civil Courts ordered the following publication for the

fil-konfront tal-intimat Tolga Karabas Bhadir a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kap 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum, 12 ta' Jannar, 2022

Lil Tolga Karabas Bhadir ta' 97, Triq Santa Marija, Sliema.

Permezz tal-preżenti s-soċjetà HSBC Bank Malta plc (C3177) ta' 32, Merchants Street, Valletta.

Tinterpellak sabiex fi żmien jumejn minn meta tirċievi din l-ittra int tħallas is-somma ta' €27,370.90 rappreżentanti in kwantu għas-somma ta' €26,357.60 bħala kapital u in kwantu għas-somma ta' €1,013.30 bħala imgħaxijiet li ddekkorrew fuq il-kapital sas-17 ta' Awwissu, 2021, liema somma hija dovuta fuq il-kont bin-numru 009-146200-340 gia bin-numru 5522009957291502, liema somma ġiet debitament mogħtija lilek fuq faċilità ta' Rescheduled Loan, mill-bank mittent u accettat minnek, oltre l-imgħax mis-17 ta' Awwissu, 2021 sad-data ta' din l-ittra, flimkien mal-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq is-somma kapitali mid-data ta' din l-ittra sad-data tal-pagament effettiv, liema somma int għalkemm repetutament interpellat biex tħallas inqast milli tagħmel dan.

Sabiex jigu evitati spejjeż inutili tal-Qorti, jekk il-ħlas tad-dejn fiż-żmien hawn fuq indikat ma' huwiex possibbli u teħtieg żmien itwal għall-ħlas b'rata mensili, int tista' tammetti d-dejn tiegħek mal-Bank permezz ta' att notarili. F'dan il-każ int mitlub illi fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta tirċievi din l-ittra tavża lill-Bank u tqabbad Nutar.

Din l-ittra sservi ukoll biex tinterrompi l-preskrizzjoni u għalhekk hija rikjesta mill-liġi ai termini tal-Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

Fin-nuqqas jittieħdu passi ulterjuri bil-Qorti kontra tiegħek mingħajr ebda pre-avviż ieħor.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 21 ta' Novembru, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

purpose of effecting service on the respondent Tolga Karabas Bhadir in terms of Article 187(3) et seq of Chapter 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today, 12th January, 2022

To Tolga Karabas Bhadir of 97, Triq Santa Marija, Sliema.

By means of this present, HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177) of 32, Merchants Street, Valletta

Calls upon you so that within two days from when you receive this letter you pay the amount of €27,370.90 representing as for the amount of €26,357.60 as the capital sum and as for €1,013.30 as the interest accrued on the capital till the 17th August, 2021, which amount is due on the account number 009-146200-340 previously holding number 5522009957291502, which amount was duly given to you by the Rescheduled Loan facility by the interpellant Bank and accepted by you besides the interest from the 17th August, 2021 till the date of this letter, together with further legal interest on the capital from the date of this letter till the date of effective payment, which amount although repeatedly solicited you remained in default of payment.

To avoid useless Court fees, if the payment of the loan is not possible in the time given and you need more time to pay by monthly installments, you can admit your debt towards the Bank by means of a notorial act. In this case you are requested so that within fifteen days from when you receive this letter you inform the Bank and engage a Notary.

This letter is being filed as well to interrupt prescription and as such is required by law in terms of article 2128 of the Civil Code (Cap. 16 of the Laws of Malta).

In default further procedures will be taken against at Court without further notice.

So much so that you may know how to regulate yourself.

With costs.

Registry of the Superior Courts today, 21st November , 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2759

Permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Ottubru, 2024 mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru

By means of a decree of the 11th October, 2024 of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number

4085/2024, fl-ismijiet Lilian Bonello et vs Mandy Cassar, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Mandy Cassar a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kap 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum, 6 ta' Settembru, 2024

Lil Mandy Cassar (KI 446380M) ta' 75, Casa KemRon, Triq l-14 ta' Novembru, Santa Venera.

Permezz tal-preżenti, Lilian Bonello (KI 594937M), Maria Diana Bonello (KI 5037190M) u John Bonello (KI 406368M) ilkoll eredi tal-mejjet Louis Bonello (ID 594937M), tal-ewwel l-armla u l-oħrajn uliedu ta' 222, Triq il-Kbira San Ġużepp, il-Ħamrun, jinterpellawk sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni li huma qed ibatu u ser ibatu riżultanti mill-mewt ta' Louis Bonello fuq imsemmija, li seħħet wara l-inċident awtomobilistiku li kien seħħ fit-28 ta' Ottubru, 2019 meta waqt li huwa kien qed jaqsam Triq il-Kbira San Ġużepp, fil-Ħamrun ġie mtajjar minnek waqt li kont qed issuq il-vettura tiegħek, van tal-passiggieri tat-tfal tal-iskola, liema inċident eventwalment wassal għall-mewt tal-vittma. Dana kollu kif joħroġ mill-proċess verbal 296/21(74/220).

Kun avżata wkoll li l-esponenti ser jipproċedu fil-Qorti Ġudizzjarja biex ma jonqosx li jittieħdu passi Kriminali skont il-liġi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet skont il-ligi.

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum, 21 ta' Novembru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

4085/2024, in the names Liliana Bonello et vs Mandy Cassar, the following publication for the purpose of service on the respondent Mandy Cassar was ordered in terms of Article 187 (3) et seq of Chapter 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today, 6th September, 2024

To Mandy Cassar (ID 446380M) of 75, Casa KemRon, Triq il-14 ta' Novembru, Santa Venera.

By the present the Lilian Bonello (ID 594937M), Maria Diana Bonello (ID 5037190M) and John Bonello (ID 406368M) all heirs of the late Louis Bonello (ID 594937M) the first being his the widow and the others being his children of 222, Triq il-Kbira San Ġużepp, call upon you to come forward for the liquidation and payment of damages that they are suffering and will suffer as a result of the death of Louis Bonello above mentioned, which occurred after the car accident which occurred on the 28th October, 2019 when while he was crossing Triq il-Kbira San Ġużepp, Ħamrun and was hit by you while you were driving your vehicle, a school childrens' passengers van, which accident eventually led to the death of the victim. All of this as has resulted from the proces verbale 296/21(74/220).

You are also warned that the applicants will proceed in the Judicial Court so that it is ensured that criminal steps according to law are taken.

With costs and interests according to law.

Registry of the Superior Courts today, 21st November, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2760

Permezz ta' digriet mogħti fit-3 ta' Settembru, 2024 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 689/2023, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa vs Christianus Adrianus Marie Hodes, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Christianus Adrianus Marie Hodes a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kap 12.

Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Illum, 24 ta' Frar, 2023

Lil Christianus Adrianus Marie Hodes (KI 82649A) ta' Portomaso Block 17, Fl 175L, Vjal Portomaso, San Ġiljan.

By means of a decree of the 3rd September, 2024 of the Court of Magistrates (Malta) in the records of judicial letter number 689/2023, in the names Commissioner for Revenue vs Christianus Adrianus Marie Hodes, the following publication for the purpose of service on the respondent Christianus Adrianus Marie Hodes was ordered in terms of Article 187 (3) et seq of Chapter 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today, 24th February, 2023

To Christianus Adrianus Marie Hodes (ID 82649A) of Portomaso Block 17, Fl 175L, Vjal Portomaso, San Ġiljan.

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxa ta' Customs Department, Xatt Lascaris, Valletta, qiegħed ufficjalment jinformak għal finijiet u l-effetti kollha tal-liġi bid-dokumenti annessi ma' din l-ittra uffiċjali, liema dokumenti huma hawn immarkati bħala Dok B.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek jekk ikun hemm bzonn.

Reġistru tal-Qrati tal-Magistrati (Malta), illum, 21 ta' Novembru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By the present the Commissioner for Revenue of Customs Department, Xatt Lascaris, Valletta, officially informs you for all purposes and effects of the law with the documents attached to this official letter, which documents are here marked as doc B.

So much so that you know how to regulate yourself if this is necessary.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today, 21st November, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2761

Permezz ta' digriet mogħti fil-5 ta' Settembru, 2024 mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3113/2023, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxi vs Michel Lautier, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Michel Lautier a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kap 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili
Illum, 19 ta' Lulju, 2023

Lil Michel Lautier (KI 0531984M) ta' 16, Micdor, Triq il-Kastellan, iż-Żejtun, Malta.

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxi ta' Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Furjana, jinterpellak ai termini tal-Artiklu 59 tal-Att XXIII ta' 1998, sabiex fi żmien jumejn (2) minn notifika ta' dan l-att, tħallas l-ammont ta' €600,004.36 rappreżentanti ammont dovut minnek bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud, skont l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont dak l-Att sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxi għandu kontra tiegħek permezz tal-Avviż li ntbagħat lilek.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżak li ser igħaddi sabiex jezegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tiegħek permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregola ruħek u tagħraf timxi.

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum, 21 ta' Novembru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 5th September, 2024 of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 3113/2023, in the names Commissioner for Revenue vs Michel Lautier, the following publication for the purpose of service on the respondent Michel Lautier was ordered in terms of Article 187 (3) et seq of Chapter 12.

In the First Hall of the Civil Court
Today, 19th July, 2023

To Michel Lautier (ID 0531984M) of 16, Micdor, Triq il-Kastellan, Żejtun, Malta.

By the present the Commissioner for Revenue of Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana, calls upon you in terms of Article 59 of Act XXIII of 1998 so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €600,004.36 representing amount due by you as Value Added Tax, according to the same Act .

With costs and interest according to the said Act till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Revenue has against you by means of a notice sent to you.

In default, the interpellants inform you that they shall pass to execute the said executive title they have against you by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourself and to proceed.

Registry of the Superior Courts today, 21st November, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2762

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-22 ta' Awwissu, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1558/2024, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd noe vs Paul Attard, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Paul Attard a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum, it-22 ta' April, 2024

Lil Paul Attard (KI 13143G) ta' 4, Triq il-Qortin, in-Nadur, Għawdex.

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta'€861.78, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku, jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont skont il-liġi relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 101000261165 ossia dwar il-fond bl-indirizz 4, Triq il-Qortin, in-Nadur, Għawdex.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddu biex tesegwixxu dan il-kreditu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum, 1-21 ta' Novembru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 22nd August, 2024, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 1558/2024 in the names Automated Revenue Management Services Limited noe vs Paul Attard, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent company Paul Attard in terms of Article 187(3) et seq of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today, 22nd April, 2024

To Paul Attard (ID 13143G) of 4, Triq il-Qortin, Nadur, Għawdex.

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €861.78 which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/or any other payment according to the electricity supply regulations and the water supply regulations together with interest due on the amount according to law regarding the utility bills with number 101000261165 regarding the premises with address 4, Triq il-Qortin, Nadur, Għawdex.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today, 21st November, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2763

MIR-REĠISTRU TAL-PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Billi Alfred Theuma (ID Nru: 541050M) ippreżenta rikors ġuramentat (Nru. 1238/2024JVC) fejn ġiet mitluba ir-KORREZZJONI TAL-ATT TAR-REĠISTRU PUBBLIKU Nru: 5410/1950 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu nteress u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smiegħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,

Illum, 21 ta' Novembru 2024

CORA CATANIA
